

Il-Ġurnal Uffiċjali C 160

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65
13 ta' April 2022

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RAKKOMANDEZZJONIJIET

Il-Kunsill

2022/C 160/01	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja ⁽¹⁾	1
---------------	--	---

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2022/C 160/02	Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' April 2022 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska (BĊE/2022/16)	9
---------------	---	---

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 160/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10637 — CERTAS / ENGIE SOLUTIONS / SSEC JV) ⁽¹⁾	10
2022/C 160/04	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10665 — WAVERLY / TPG / ASIA HEALTHCARE HOLDINGS) ⁽¹⁾	11
2022/C 160/05	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10675 — CDPQ / TRANSURBAN / AUSTRALIANSUPER / CPP INVESTMENTS / ADIA / WCX) ⁽¹⁾	12

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2022/C 160/06	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bini ta' Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industrija Kulturali u Kreattivi	13
2022/C 160/07	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiġid tal-iskambji interkulturali permezz tal-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, u permezz tal-multilingwiżmu fl-era diġitali	20

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 160/08	Rata tal-kambju tal-euro — It-12 ta' April 2022	26
2022/C 160/09	Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2022 li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex idaħħal it-tabelli ta' allokkazzjoni nazzjonali tal-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	27
2022/C 160/10	Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (<i>Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006</i>) ⁽¹⁾	104
2022/C 160/11	Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (<i>ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006</i>) ⁽¹⁾	105

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 160/12	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10707 – MACQUARIE / BCI / REDEN HOLDING AND REDEN HOLDING 2020) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	106
---------------	--	-----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 160/13

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għal Speċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 108

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tat-5 ta' April 2022

dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 160/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda u aktar effettiva fis-settur tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa kollha hija kruċjali għas-sostenn tal-valuri, tal-identità u tad-demokrazija tal-Unjoni, għall-bini tar-reżiljenza tas-soċjetà u tal-ekonomija Ewropea, u għall-bini ta' futur sostenibbli. Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja interkonnessi u b'saħħithom huma strument importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u ma' popolazzjoni li qed tixxjeh, u sfidi soċjoekonomiċi ewlenin oħra, permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-ħolqien ta' soluzzjonijiet innovattivi flimkien. Dawn jistgħu jiżguraw ukoll il-kapaċità tal-Ewropa biex tagħti spinta lill-kompetittività mmexxija mit-teknoloġija.
2. Relazzjonijiet aħjar li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiżviluppaw kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda, perenni u effettiva fil-livell istituzzjonali huma strument importanti sabiex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jsiru aktar b'saħħithom flimkien u jħejju lill-istudenti, lil dawk li jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja, lir-riċerkaturi u lill-persunal jitħejjew għal futur globali. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa qegħdin jadattaw għal dinja li qed tinbidel malajr b'dixxiplini u b'ambjenti ta' taġħlim li qegħdin jinbidlu malajr, pereżempju fir-rigward tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Dan jeħtieġ mod ta' ħsieb ġdid, approċċi ġodda u strutturi ġodda għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà tal-istudenti, tal-persunal u tar-riċerkaturi fid-dixxiplini kollha u bejn il-fruntieri (fejn il-mobbiltà fiżika tibqa' l-format ewlieni). Din ir-realtà ġdida, ikkawżata mit-tranżizzjoni diġitali, ser tinvolvi edukazzjoni b'firxa ġdida u attraenti, u formati u opportunitajiet ġodda għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà tranżnazzjonali, fiżikament u online, għall-istudenti kollha, inkluż għal persuni b'anqas opportunitajiet jew minn żoni remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, u ser tħeġġeġ id-diversità fost l-akkademiċi, ir-riċerkaturi u l-persunal professjonali.
3. Kooperazzjoni aktar b'saħħitha madwar l-UE kollha bejn istituzzjonijiet differenti tal-edukazzjoni għolja, inkluż universitajiet, universitajiet tar-riċerka, kulleġġi universitarji, universitajiet tax-xjenzi applikati, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għolja, u istituzzjonijiet tal-arti għolja, hija prinċipju ewlieni li jirfed iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u prinċipju intrinsiku għalihom. Kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda bejn istituzzjonijiet diversi u komplementari madwar l-Ewropa tappoġġa aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u riċerka ta' kwalità għolja u inklużivi, trawwem il-ħolqien u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien,

tiffaċilità l-kondiviżjoni tal-kapaċità u tal-infrastruttura, u tikkontribwixxi għall-vitalità tar-reġjuni u tal-komunitajiet tagħhom, u b'hekk tgħin sabiex jingħelbu l-iżvantaġġi u d-disparitajiet ġeografiċi. Tista' wkoll trawwem l-introduzzjoni fl-ekosistemi tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-industrija. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali tikkontribwixxi ugwalment sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-settur tal-edukazzjoni għolja bħala promotur tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien, bħal pereżempju għat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

4. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ⁽¹⁾ tappella għal kooperazzjoni tranżnazzjonali mingħajr xkiel u ambizzjuża, għall-għoti ffaċilitat ta' lawrji konġunti, u għall-esplorazzjoni tal-fattibbiltà ta' statut legali għall-alleanzi bħall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha (2021-2030) ⁽²⁾ tħeġġeġ kooperazzjoni aktar profonda, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tar-riżorsi u l-ġenerazzjoni ta' aktar opportunitajiet għall-mobbiltà tal-istudenti, tal-akkademiċi u tar-riċerkaturi, inkluż permezz tat-tnedija sħiħa tal-inizjattivi tal-Universitajiet Ewropej u il-Kard Ewropea tal-Istudenti. Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea ⁽³⁾, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri jneħħu l-ostakli għal sistemi ta' edukazzjoni għolja aktar kompatibbli u sabiex jesploraw il-fattibbiltà ta' lawrji Ewropej konġunti. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-“Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà” ⁽⁴⁾, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri ta' politika għal kooperazzjoni mingħajr xkiel u ambizzjuża bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa speċjalment fil-qasam tal-karrieri akkademiċi u ta' riċerka. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ⁽⁵⁾ u l-Patt għar-Riċerka u Innovazzjoni fl-Ewropa ⁽⁶⁾ jappellaw għal kooperazzjoni aktar profonda u jirrikonoxxu l-potenzjal li inizjattivi bħall-Universitajiet Ewropej għandhom biex jitransformaw l-edukazzjoni għolja. L-Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa ⁽⁷⁾ tappella wkoll għat-tneħħija tal-ostakli għal kooperazzjoni tranżnazzjonali effettiva u aktar profonda.
5. Il-Komunikat ta' Ruma tal-ministri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż ⁽⁸⁾ jappellaw għall-promozzjoni u għall-iffaċilitar ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż ⁽⁹⁾ tenfasizza l-ħtieġa għal aktar kollaborazzjoni u tappella għall-użu ta' sinerġiji bejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja.
6. Il-41 “Università Ewropeja”, appoġġati mill-programm Erasmus+ u kkomplementati minn Orizzont 2020 għad-dimensjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, u mudelli simili ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata li ilhom għaddejnin, jipprovdu tagħlimiet utli miksuba waqt li jittestjaw mudelli ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profondi li jmorru lil hinn mill-istrateġiji istituzzjonali individwali eżistenti, mill-governanza u mill-ekosistemi ta' kollaborazzjoni. Dawn huma sors ta' ispirazzjoni għall-komunità usa' tal-edukazzjoni għolja, sabiex jixprunaw ir-riformi fil-livell tas-sistema, filwaqt li jiffaċilitaw koordinazzjoni aħjar bejn il-politiki Ewropej tal-edukazzjoni għolja u r-riċerka.
7. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, l-“Universitajiet Ewropej” huma dawk iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+, b'appoġġ komplementari mill-programm Orizzont għad-dimensjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, fejn rilevanti. L-“alleanzi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja” qed jirreferu għall-mudelli l-oħra kollha ta' kooperazzjoni, bħall-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni. L-oġġettiv ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill huwa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tranżnazzjonali għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha tal-edukazzjoni għolja, lil hinn minn dawk appoġġati taħt l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ COM(2020) 625 final.

⁽²⁾ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 221, 10.6.2021, p. 14.

⁽⁴⁾ 9138/21.

⁽⁵⁾ COM(2020) 628 final.

⁽⁶⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa (OJ L 431, 2.12.2021, p. 1).

⁽⁷⁾ COM(2020) 274 final.

⁽⁸⁾ ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.

⁽⁹⁾ P9_TA(2021)0452.

8. L-“Universitajiet Ewropej” jikkontribwixxu għall-kwalità tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali permezz ta’ strateġji interistituzzjonali li jikkombinaw l-apprendiment u t-tagħlim, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien fl-ekonomija u s-soċjetà, u jikkontribwixxu għal bidliet fil-politika u fis-soċjetà.
9. Alleanzi fl-edukazzjoni għolja jistgħu jibbenefikaw, fuq bażi volontarja, minn strumenti ta’ kooperazzjoni istituzzjonalizzata, bħal status ġuridiku possibbli għall-alleanzi ta’ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li, fejn xieraq, jippermettullhom jikkondividu riżorsi finanzjarji, umani, diġitali u fiżiċi, u servizzi, komuni, biex joperaw kampusijiet virtwali interuniversitarji u pjattaformi interoperabbli għal attivitajiet konġunti diġitali jew imħallta. Għall-appfondiment tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali biex tiġi indirizzata b’mod effettiv it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, l-iżvilupp ta’ moduli interdixxiplinari u t-tfassil ta’ lawrji konġunti bbażati fuq kriterji Ewropej maħluqa b’mod konġunt, f’konformità mal-istrumenti tal-Proċess ta’ Bolonja, jeħtieġ li jiġu ffaċilitati aktar fil-livell nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali. L-iffaċilitar tal-mobbiltà flessibbli u inklużiva u l-użu usa’ tal-inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti jistgħu jżidu l-opportunitajiet għall-istudenti, għall-akkademiċi, għar-riċerkaturi u għall-persunal. Huwa meħtieġ finanzjament perenni fit-tul suffiċjenti sabiex tinbena l-kapaċità u jinkiseb il-livell ta’ ambizzjoni pjanat għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali.
10. Kooperazzjoni aktar profonda bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja teħtieġ li jiġu indirizzati l-isfidi li jinkludu l-partijiet kollha. L-istabbiliment, l-assigurazzjoni tal-kwalità esterna u l-akkreditazzjoni mingħajr xkiel ta’ attivitajiet u programmi edukattivi tranżnazzjonali konġunti fil-livelli kollha huma affettwati minn: differenzi fl-assigurazzjoni tal-kwalità esterna; l-implimentazzjoni mhux uniformi tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u ta’ perjodi ta’ studju barra l-pajjiż, u ta’ impenji ewlenin relatati fil-Proċess ta’ Bolonja, inkluż id-differenzi fl-istrutturi tal-lawrji; differenzi fl-adozzjoni tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta’ Programmi Konġunti; differenzi fl-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta’ Krediti (ECTS); u r-rikonossiment parzjali tat-tagħlim virtwali u mħallat. L-indirizzar ta’ dawn il-kwistjonijiet u l-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tal-istrumenti ta’ Bolonja jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u jrawmu l-implimentazzjoni ta’ pedagoġiji interdixxiplinari innovattivi f’pajjiżi differenti.
11. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali Ewropea fil-livell istituzzjonali hija strument qawwi biex tiġi appoġġata u żviluppata aktar it-trasformazzjoni lejn istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja eċċellenti, inklużivi, kompetittivi, sostenibbli u attraenti, li jwettqu l-missjonijiet kollha tagħhom (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u s-servizz għas-soċjetà), b’benefiċċji fis-settur tal-edukazzjoni għolja u lil hinn minnu, għal Ewropa ta’ għarfien, reżiljenza u demokrazija u li jirriflettu l-istil ta’ ħajja u l-valuri Ewropej tagħna. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali teħtieġ li tiġi ffaċilitata permezz ta’ sett ta’ miżuri koerenti Ewropej u nazzjonali, implimentazzjoni effettiva tal-inizjattivi Ewropej disponibbli, strumenti u għodod bħall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, l-istrumenti tal-Proċess ta’ Bolonja jew l-inizjattiva tal-Kard tal-Istudenti, kif ukoll l-esplorazzjoni ta’ strumenti ġodda possibbli. Dawn l-istrumenti l-ġodda jistgħu jiġu żviluppatti bl-użu ta’ approċċ gradwali maħluq b’mod konġunt li jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jtejbu r-relazzjonijiet ta’ bejniethom u jikkooperaw b’mod aktar effettiv bejn il-fruntieri u s-sistemi tal-edukazzjoni għolja sabiex isiru aktar koeżivi, għall-ġid tal-komunità kollha tal-edukazzjoni għolja, waqt li jgħibu valur lis-soċjetà,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI

B’kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, f’konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, u f’kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha:

1. Jagħtu l-opportunità lill-istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja biex fi proċess ta’ ħolqien konġunt jesploraw in-neċessità, il-benefiċċji, ir-riskji u l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta’ strumenti ta’ kooperazzjoni istituzzjonalizzata, bħal status ġuridiku possibbli għall-alleanzi ta’ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, pereżempju l-“Universitajiet Ewropej”, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni aktar profonda permezz tal-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet umani, tekniċi, ta’ data, edukattivi, ta’ riċerka u ta’ innovazzjoni, fejn xieraq. Iħalluhom jesperimentaw bid-diversi possibbiltajiet ta’ kooperazzjoni aktar profonda kif ukoll, fuq bażi volontarja, jittestjaw strumenti Ewropej eżistenti, bħar-raggruppament Ewropew ta’ kooperazzjoni territorjali (REKT) ⁽¹⁰⁾ jew il-Grupp Ewropew b’Interess Ekonomiku (GEIE) ⁽¹¹⁾.

⁽¹⁰⁾ Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta’ kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

⁽¹¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta’ Lulju 1985 dwar il-Gruppi Ewropej b’Interess Ekonomiku (GEIE) (ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1).

2. Iħeġġu, fejn xieraq, u jagħmluha aktar faċli għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti f'kooperazzjoni tranżnazzjonali biex jipprovdu programmi konġunti u jagħtu lawrji konġunti, f'konformità mal-istrumenti ta' Bolonja ⁽¹²⁾. F'dan il-kuntest, u filwaqt li jibnu fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet ta' esplorazzjoni kif definiti fil-punt 12, jeżaminaw u jiffaċilitaw l-għoti ta' tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta. Aktar tard, tista' ssir ħidma favur lawrja konġunta possibbli fil-livelli kollha, abbażi ta' kriterji Ewropej maħluqa b'mod konġunt, li għandha tingħata fil-livell nazzjonali, reġionali jew istituzzjonali, f'konformità mal-Oqfsa tal-Kwalifiki Nazzjonali.
3. Jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex fejn xieraq jiżviluppaw u jimplimentaw aktar attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali konġunti billi jippermettulhom jittestjaw u jimplimentaw approċċi u miżuri xierqa, u jħeġġuhom jagħmlu dan, fir-rigward ta':
 - a) Il-kriterji ta' ammissjoni u ta' reġistrazzjoni għall-istudenti u għall-istudenti tul il-ħajja;
 - b) Id-definizzjoni tal-lingwi tal-apprendiment u tat-tagħlim filwaqt li jiġi rrispettat il-multilingwiżmu kif xieraq;
 - c) Is-sehem tal-apprendiment online fl-offerta edukattiva ġenerali; is-sehem tal-mobbiltà tal-istudenti (fiżika, virtwali jew imħallta) inkorporata fl-attività edukattiva konġunta; u s-sehem u l-organizzazzjoni ta' internships, attivitajiet għal apprendiment ibbażati fuq ix-xogħol, approċċi bbażati fuq l-isfidi u interdixxiplinari,
 - d) L-inklużjoni ta' perkorsi flessibbli għal apprendiment, bħal esperjenzi żgħar ta' apprendiment li fejn rilevanti jistgħu jwasslu għal mikrokredenzjali ⁽¹³⁾, fejn rilevanti;
 - e) Ir-regoli għall-allokazzjoni u t-trasferiment tal-krediti, u t-trasparenza fil-klassifikazzjoni, skont il-Gwida tal-Utenti tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), bħala bażi għal programmi konġunti tranżnazzjonali, mingħajr regoli jew limitazzjonijiet addizzjonali;
 - f) L-użu ta' informazzjoni dwar l-assigurazzjoni esterna tal-kwalità tal-programmi u/jew tal-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja skont l-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESGQA), inkluża fil-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assigurazzjoni Esterna tal-Kwalità (DEQAR) sabiex jiġi implimentat rikonoxximent reċiproku awtomatiku ⁽¹⁴⁾ għall-finijiet ta' aktar tagħlim, f'kooperazzjoni maċ-Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARICs);
 - g) Jippermettu, fejn xieraq, ir-rikonoxximent tal-apprendiment li jkun sar u l-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u dak informali abbażi ta' rekwiżiti ta' kwalità trasparenti u ġusti u l-organizzazzjoni ta' valutazzjoni xierqa tal-istudenti, u l-għoti ta' krediti rilevanti għal tali apprendiment;
 - h) Jippermettu, fejn xieraq, aktar flessibbiltà fid-definizzjoni tal-mudell tal-lawrji konġunti tagħhom meta jimplimentaw programmi tranżnazzjonali konġunti.
4. Jappoġġaw il-mobbiltà inkorporata fi programmi edukattivi tranżnazzjonali konġunti
 - a) Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-integrazzjoni tal-mobbiltà (fiżika, virtwali jew imħallta) b'mod aktar sistematiku u flessibbli fil-programmi edukattivi konġunti tagħhom, fil-livelli kollha, sabiex jippermettu ammont akbar ta' studenti, inkluż studenti b'anqas opportunitajiet jew li ġejjin minn żoni mbiegħda bħar-reġjuni ultraperiferiċi, akkademiċi u riċerkaturi jibbenefikaw mid-dinamika ta' kooperazzjoni integrata fl-edukazzjoni għolja u sabiex jippromwovu ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talent.

⁽¹²⁾ L-istrumenti ta' Bolonja jinkludu s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), is-Suppliment għad-Diplomi (DS), l-oqfsa globali u nazzjonali tal-kwalifiki, l-Istandards u Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESGQA), l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti, ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR), il-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assigurazzjoni Esterna tal-Kwalità (DEQAR). Tista' titqies ukoll il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew ("il-Konvenzjoni ta' Liżbona dwar ir-Rikonoxximent").

⁽¹³⁾ "Għalkemm ma jiddevjawx mill-prinċipju ewlieni ta' programmi ta' lawrja sħiħa u lanqas ma jdgħajfuh, il-mikrokredenzjali jistgħu jgħinu jwessgħu l-opportunitajiet ta' apprendiment biex jakkomodaw studenti mhux tradizzjonali u d-domanda għal ħiliet ġodda fis-suq tax-xogħol", Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni għda fl-edukazzjoni għolja Ewropea (ĠU C 221, 10.6.2021, p. 14).

⁽¹⁴⁾ Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1).

- b) Jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-mobbiltà fi sħubiji multilaterali, b'mod partikolari l-istandardizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju għall-iffirmar ta' ftehimiet multilaterali interistituzzjonali fost l-oħrajn permezz tat-twessigħ tal-inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti.
- c) Jaħdmu lejn approċċi aktar koerenti għall-mobbiltà tal-apprendiment, fejn xieraq, f'termini ta' sistemi ta' ammissjoni u ta' reġistrazzjoni, sistemi ta' klassifikazzjoni, kalendarji akkademiċi, sistemi ta' miżati għat-tagħlim, aċċess u użu ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni għolja matul ix-xhur tas-sajf/tal-vaganzi.
5. Jikkontribwixxu għas-sostenn ta' appoġġ finanzjarju dirett jew indirett għal kooperazzjoni tranżnazzjonali istituzzjonali aktar profonda fl-edukazzjoni għolja, inkluż għall-“Universitajiet Ewropej”
- a) Jappoġġaw it-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-parteċipazzjoni tagħhom f'tali kooperazzjoni tranżnazzjonali istituzzjonali profonda, fejn rilevanti.
- b) Jippromwovu u jiżviluppaw kultura, fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, għal kooperazzjoni tranżnazzjonali ta' kwalità billi jinkluduha u jstimulawha fil-politika nazzjonali u fl-istabbiliment tal-prijoritajiet, fejn xieraq.
- c) Jimmobilizzaw is-sorsi ta' finanzjament disponibbli fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE ⁽¹⁵⁾ filwaqt li jqisu s-sistemi ta' finanzjament nazzjonali differenti biex, fejn possibbli, ikunu jaqblu mal-appoġġ ta' Erasmus+ jew jikkomplementawh, ikkomplementati b'mod sinerġetiku bl-appoġġ minn Orizzont Ewropa, għall-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-“Universitajiet Ewropej”.
6. Jippromwovu u jipproteġu l-prinċipji ewlenin tal-awtonomija istituzzjonali bħala prerekwiżit għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' governanza komuni għal kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda f'approċċ minn isfel għal fuq. Jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jieħdu deċiżjonijiet indipendenti dwar il-governanza interna, dwar kwistjonijiet finanzjarji, tal-persunal u dawk akkademiċi, biex jipproteġu l-libertà akkademika, u biex attivament jinvolvu persunal akkademiku u rappreżentanti tal-istudenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-istituzzjoni tagħhom.
7. Isaħħu l-fiduċja reċiproka permezz ta' assigurazzjoni tal-kwalità u akkreditazzjoni esterna ta' programmi edukattivi konġunti u forom oħra ta' offerti edukattivi konġunti żviluppatti minn mudelli ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali istituzzjonali, inkluż l-“Universitajiet Ewropej” f'konformità mal-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej (ESG).
- a) Jimxu aktar lejn l-użu ta' assigurazzjoni tal-kwalità esterna bbażata fuq l-istituzzjonijiet. Dan jista' jappoġġa l-iżvilupp ta' kultura ta' kwalità istituzzjonali ġenwina li twassal għal responsabbiltà u kompatibbiltà akbar tas-sistemi madwar l-Ewropa, filwaqt li tibni fuq għodod u oqfsa diġà fis-seħħ bħaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja.
- b) Jikkunsidraw il-possibbiltà li jippermettu l-awtoakkreditazzjoni ta' programmi, fejn xieraq, ibbażati fuq assigurazzjoni tal-kwalità istituzzjonali sabiex isostnu l-awtoresponsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.
- c) F'pajjiżi li jiddependu fuq assigurazzjoni tal-kwalità esterna bbażata fuq il-programmi, jikkunsidraw il-possibbiltà li:
- i) jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti ⁽¹⁶⁾;

⁽¹⁵⁾ Bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond InvestEU.

⁽¹⁶⁾ L-approċċ, approvat mill-ministri tal-EHEA f'Mejju 2015, għandu l-għan li “*jneħħi ostaklu importanti għall-iżvilupp ta' programmi konġunti billi jiġu stabbiliti standards għal dawn il-programmi abbażi tal-għodod miftiehma tal-EHEA, mingħajr ma jiġu applikati kriterji nazzjonali addizzjonali (Traduzzjoni mhux uffiċjali)*”.

- ii) jiżguraw li l-evalwazzjoni esterna tal-programmi tranżnazzjonali konġunti tkun tista' titwettaq minn aġenzija waħda reġistrata fir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR) ⁽¹⁷⁾ u li r-riżultati jiġu aċċettati awtomatikament fis-sistemi l-oħrajn kollha tal-edukazzjoni għolja kkonċernati, mingħajr ma jiżiedu aktar rekwiżiti nazzjonali; u
- iii) jiżguraw li l-akkreditazzjoni mill-ġdid ta' programmi tranżnazzjonali konġunti ssewgi r-regoli tal-ESG u l-Approċċ Ewropew ⁽¹⁸⁾.
8. Jappoġġaw, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' taġlim virtwali kollaborattiv ta' kwalità għolja f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data bħala parti mit-taġlim, mill-apprendiment u mir-riċerka, sabiex titrawwem u tiġi ffaċilitata kooperazzjoni tranżnazzjonali inklużiva u bl-istudenti fil-qalba tagħha, li tikkomplementa l-interazzjonijiet wiċċ imb wiċċ, u b'mod partikolari biex:
- a) Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jiżviluppaw mudelli ta' taġlim internazzjonali kollaborattivi virtwali u online bħala parti integrali minn taġlim imħallat, inkluż permezz ta' impenn ta' tmexxija, ipplanar strateġiku, taħriġ u servizzi ta' appoġġ pedagoġiċi robusti u internazzjonalizzati, u finanzjament xieraq.
- b) Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex fil-valutazzjonijiet taġhom tal-karrieri jivvalorizzaw u jirrikonossu l-ħin li l-akkademiċi, jiddedikaw għall-iżvilupp ta' pedagoġiji innovattivi ġodda u prattiki ta' riċerka ġodda permezz ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, fejn xieraq.
- c) Jappoġġaw mudelli ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzati, inkluż l-"Universitajiet Ewropej" fl-isforzi taġhom biex jiġbru flimkien l-għarfien espert u r-riżorsi sabiex jiżviluppaw u jimplementaw strateġiji diġitali konġunti u infrastruttura tal-IT interoperabbli kondiviża, pereżempju billi jagħtu aċċess reċiproku għal ambjenti ta' apprendiment u riċerka online, sistemi ta' ġestjoni tal-apprendiment, libreriji diġitali jew pjattaformi ta' korsijiet online miftuħin massivi (MOOC), servizzi ta' taħriġ u appoġġ, aċċess mingħajr xkiel għal data traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli (FAIR) u servizzi interoperabbli oħra.
- d) Jappoġġaw l-ittestjar u l-pilotaġġ ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ sabiex jingħelbu sfidi komuni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-interoperabbiltà, il-prontezza diġitali, is-sovranià tad-data u r-responsabbiltà tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja.
9. Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-iżvilupp ta' attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali konġunti interdixiplinari fil-livelli kollha (ċikli qosra, Baċċellerat, Master, u Dottorat).
- a) Jippermettu u jiffaċilitaw approċċi tranżnazzjonali bbażati fuq l-isfidi fejn l-istudenti minn dixxiplini, kulturi u pajjiżi differenti jikkooperaw flimkien mar-riċerkaturi, kumpaniji, bliet, reġjuni, organizzazzjonijiet mhux governattivi u komunitajiet lokali biex isibu soluzzjonijiet kreattivi u innovattivi għall-isfidi globali u komuni.
- b) Jinkoraġġixxu l-għoti ta' opportunitajiet għal apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja għal kulħadd biex jiġu ffaċilitati t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, b'enfasi fuq l-oqsma l-aktar mitluba fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali u professjonali taġhom.
10. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jinvolvu aktar lill-istudenti, lill-akkademiċi, lir-riċerkaturi u lill-persunal fil-governanza tal-istrutturi ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, filwaqt li jitqiesu l-elementi demokratiċi eżistenti tal-awtogovernanza akkademika, b'mod partikolari:
- a) Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja sabiex jagħmlu l-istrutturi ta' governanza taġhom jirriflettu l-kuntesti dejjem aktar diversi li minnhom ikunu ġejjin l-istudenti u l-persunal kif ukoll l-esperjenzi differenti fl-impjiegi u fl-edukazzjoni, skont il-prinċipji tal-inklużjoni u l-ugwaljanza.

⁽¹⁷⁾ Skont l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti, jekk uħud mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jkunu qed jikkooperaw ikunu jirrikjedu assigurazzjoni tal-kwalità esterna fil-livell tal-programm (eż l-akkreditazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' programm tkun obbligatorja), dawn għandhom jagħżlu aġenzija ta' assigurazzjoni tal-kwalità adatta mil-lista ta' aġenziji rreġistrati fil-EQAR. L-aġenzija ser twettaq evalwazzjoni jew akkreditazzjoni waħda tal-programm konġunt kollu. Ir-riżultat għandu jiġi aċċettat fil-pajjiżi kollha tal-EHEA u, skont il-qafas legali nazzjonali, id-deċiżjoni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità esterna għandha tidħol fis-seħħ jew tiġi rikonossuta fil-pajjiżi kollha fejn jiġi offrut il-programm. L-EQAR huwa r-reġistru uffiċjali tal-aġenziji esterni nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità li huma konformi mal-impenji fi ħdan il-proċess ta' Bolonja.

⁽¹⁸⁾ Standard ESG 1.10: "L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu assigurazzjoni tal-kwalità esterna f'konformità mal-ESG fuq bażi ċiklika (Traduzzjoni mhux uffiċjali)". L-Approċċ Ewropew (9. Perjodiċità): "Il-programm konġunt għandu jiġi rieżaminat perjodikament kull sitt snin, li għandu jiġi speċifikat fid-deċiżjoni pubblika (Traduzzjoni mhux uffiċjali)".

- b) Jappoġġaw il-bini tal-kapaċitajiet għal tmexxija b'saħħitha u effettiva bħala xprunatur importanti għal kooperazzjoni tranżnazzjonali istituzzjonali olistika.
- c) Jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha fl-istrutturi ta' governanza.
- d) Jistabbilixxu opportunitajiet ta' taqlim bejn il-pari biex jiġu mħeġġa u appoġġati inizjattivi li permezz tagħhom l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu jaqsmu l-esperjenzi u jinvolvu ruħhom f'taqlim reċiproku u fi skambju tal-għarfien.

Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jimplimentaw din ir-Rakkomandazzjoni mill-aktar fis possibbli. Huma mistiedna jinfurmaw lill-Kummissjoni sa [daħħal id-data 12-il xahar wara l-adozzjoni mill-Kunsill] bil-miżuri korrispondenti li għandhom jittieħdu fil-livell adatt biex jappoġġaw l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni bħala passi essenzjali lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025.

B'DAN JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI

B'kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-awtonomija istituzzjonali, il-libertà akkademika, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex:

11. B'mod parallel mal-analiżi tal-istudji li għaddejjin u ta' ħidma preparatorja oħra, tappoġġa lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jittestjaw l-użu ta' strumenti Ewropej eżistenti mill-2022 'il quddiem bħala pass lejn il-faċilitazzjoni ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda, fit-tul u flessibbli u biex tiġi eżaminata l-ħtieġa u l-fattibbiltà ta' strumenti ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata, bħal status ġuridiku possibbli għal alleanzi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Tali strumenti, li jridu jintużaw fuq bażi volontarja, għandhom jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet u tad-data u l-iskambju tal-persunal, fejn xieraq, u l-implimentazzjoni ta' programmi konġunti, bil-għan li jingħataw lawrji konġunti fil-livell tal-alleanzi, inkluż lawrja konġunta bbażata fuq kriterji Ewropej maħluqa b'mod konġunt.

Abbażi tar-riżultati tal-ħidma preparatorja u l-proġetti pilota Erasmus+, ma' kull pass tirrapporta lill-Kunsill għal deċiżjoni ulterjuri.

12. Teżamina l-għażliet u l-passi meħtieġa – f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, mal-organizzazzjonijiet tal-istudenti u mal-partijiet ikkonċernati – għall-istabbiliment ta' lawrja konġunta bbażata fuq sett komuni ta' kriterji Ewropej maħluqa b'mod konġunt. Din il-lawrja, li għandha tingħata fuq bażi volontarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew istituzzjonali, tista' tiċċertifika r-riżultati ta' taqlim miksuba bħala parti minn kooperazzjoni tranżnazzjonali "billi tikkombina l-istudji f'diversi pajjiżi tal-UE"⁽⁹⁾, offruti pereżempju fl-"Universitajiet Ewropej". Għandu jkun possibbli li din tinħareġ, tinħażen, tiġi kondiviża, i-verifikata u awtentikata b'mod faċli, u għandha tkun rikonoxxuta fl-UE kollha. Din il-lawrja ser tibni fuq l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' Bolonja fl-Istati Membri u tagħtiha spinta.

- a) Tippilota fl-2022 l-iżvilupp u l-implimentazzjoni skont Erasmus+ ta' kriterji Ewropej għall-għoti ta' tikketta ta' lawrja konġunta Ewropea. Tali tikketta tinħareġ bħala ċertifikat komplementari għall-kwalifika miksuba mill-istudenti li jiġgradwaw minn programmi konġunti mogħtija fil-kuntest ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn diversi istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

- b) Abbażi tar-riżultati ta' din il-ħidma preparatorja, tirrapporta lill-Kunsill biex ma' kull pass tittieħed deċiżjoni ulterjuri dwar lawrja konġunta possibbli bbażata fuq kriterji Ewropej maħluqa b'mod konġunt, f'konformità mal-istrumenti tal-Proċess ta' Bolonja.

13. Taħdem fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej billi ssegwi approċċ minn isfel għal fuq permezz tal-programm Erasmus+, abbażi tal-eżiti ewlenin tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ewwel alleanzi. Mill-2022, tipprovi finanzjament sostenibbli għal "Universitajiet Ewropej" eżistenti ta' suċċess wara sejħa kompetittiva u kwalitattiva għal proposti, u tippermetti l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, ibbażati fuq il-prinċipji ta' bilanċ ġeografiku, inklużjoni, kwalità għolja u eċċellenza. Tittestja s-sinerġiji mal-programm Orizzont Ewropa għad-dimensjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni u possibbilment programmi oħra tal-UE sal-2024, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom. Tagħmel użu tajjeb mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-QFP biex tqis modi biex tippermetti approċċi innovattivi possibbli għal mobilizzazzjoni konġunta aħjar ta' sorsi ta' finanzjament tal-UE, filwaqt li jiġu sfruttati sinerġiji possibbli ma' fondi reġjonali u nazzjonali.

⁽⁹⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 (EUCO 19/1/17 REV 1).

14. Tappoġġa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-estensjoni tal-inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti, b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju li jinvolvu diversi firmatarji u skambji tad-data sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat mal-ġestjoni tal-mobbiltà u tal-iskambji tal-istudenti u tal-persunal inkorporati fi sħubiji tranżnazzjonali ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.
15. Sa nofs l-2022, tipprova pjan direzzjonali komprensiv li jindika stadji importanti ewlenin u l-gruppi ta' esperti involuti, bil-ħsieb li jitfasslu b'mod konġunt l-istrumenti l-ġodda mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-pjan direzzjonali għandu jiġi aġġornat regolarment.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tanalizza u tevalwa l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, kif ukoll l-użu tagħha fil-kuntest tal-ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha, permezz ta' oqfsa rilevanti eżistenti ta' monitoraġġ u rapportar tal-Unjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati, u tirrapporta lill-Kunsill fi żmien ħames snin mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' April 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

R. BACHELOT-NARQUIN

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' April 2022

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska

(BĊE/2022/16)

(2022/C 160/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Fl-2017, Národná banka Slovenska għażel lil Deloitte Audit s.r.o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2017 sa 2020, b'opzjoni li l-mandat jiġi estiż għas-snin finanzjarji 2021 sa 2023 ⁽¹⁾.
- (3) Il-mandat ta' Deloitte Audit s.r.o. intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2020 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1849 ⁽²⁾, u Národná banka Slovenska estenda l-mandat ta' Deloitte Audit s.r.o. għas-sena finanzjarja 2021.
- (4) L-estensjoni tal-mandat ta' Deloitte Audit s.r.o. intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2021 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1169 ⁽³⁾.
- (5) Národná banka Slovenska biħsiebu jestendi l-mandat ta' Deloitte Audit s.r.o. għas-snin finanzjarji 2022 u 2023. Din l-estensjoni hija possibbli skont l-arranġamenti kuntrattwali bejn Národná banka Slovenska u Deloitte Audit s.r.o.,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rakkomandat illi Deloitte Audit s.r.o. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska għas-snin finanzjarji 2022 u 2023.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 5 ta' April 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

⁽¹⁾ Rakkomandazzjoni BĊE/2017/27 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Settembru 2017 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska (ĠU C 310, 19.9.2017, p. 1).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1849 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska (ĠU L 264, 13.10.2017, p. 5).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1169 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska (ĠU L 255, 16.07.2021, p. 1).

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.10637 — CERTAS / ENGIE SOLUTIONS / SSEC JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 160/03)

Fit 23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10637. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Il-Każ M.10665 — WAVERLY / TPG / ASIA HEALTHCARE HOLDINGS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 160/04)

Fit 25 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10665. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.10675 — CDPQ / TRANSURBAN / AUSTRALIANSUPER / CPP INVESTMENTS / ADIA / WCX)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 160/05)

Fit 1 ta' April 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fihi. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10675. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar il-Bini ta' Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industriji Kulturali u Kreattivi**

(2022/C 160/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

1. Ir-rwol fundamentali moqdi mill-kultura u l-kreattività ħielsa għall-Unjoni Ewropea u ċittadini tagħha fit-tisħiħ tad-demokrazzi u l-valuri tagħna, fl-iżvilupp tal-immaġinazzjoni tagħna, fil-prosperità tas-soċjetajiet tagħna, fil-vitalità taż-żoni lokali tagħna, fil-kwalità tal-ambjent tal-għajxien tagħna, u fil-benesseri tal-individwi;
2. Ir-rwol kruċjali moqdi mis-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi (CCSI), imsejħa wkoll l-ekosistema tal-industriji kulturali u kreattivi (CCIE), fl-elaborazzjoni ta' wirt komuni, referenzi komuni u l-kultura ta' għada, li huma essenzjali għall-proliferazzjoni kontinwa tad-diversità kulturali Ewropea, filwaqt li jitqies li s-CCSI tikkostitwixxi grupp varjat ħafna bi prijoritajiet u kundizzjonijiet differenti;
3. L-ambitu tas-CCIE, kif definit fir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku tal-2021 ⁽¹⁾, li jieħu kont tal-14-il ekosistema industrijali identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni b'rabta mal-Istrateġija Industrijali Għda tal-2020 ⁽²⁾ u f'bosta dokumenti rilevanti msemmija fl-Anness;
4. Il-piż ekonomiku tas-CCIE, li fl-2019 ġie vvalutat għal 3.95 % tal-valur miżjud tal-UE (EUR 477 biljun), bi 8.02 miljun persuna impjegati fis-settur u 1.2 miljun kumpanija, li 99.9 % minnhom huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ⁽³⁾;
5. L-impatt konsiderevoli tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija kulturali u kreattiva u l-ħtieġa li jibqgħu jissaħħu r-reżiljenza tas-CCIE u t-tranżizzjoni doppja (ekoloġika u diġitali) fl-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi kkomplementat l-impatt tal-Faċilità Ewropea għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jkun possibbli li tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha bħala mur għat-ktabbir ekonomiku u l-impjiegi u l-kompetittività globali tal-UE;

⁽¹⁾ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni 2010 SWD (2021) 351final, pp 98-104 "Is-CCIs huma grupp varjat. L-akbar industriji huma awdjoviżivi (TV, loġhob bil-vidjo, VOD, ċinema, VR/AR), mużika, kotba u pubblikazzjoni tal-istampa, reklamar, wirt kulturali (mużewijiet, siti storiċi), spettaklu (teatru, żfin) u arti viżiva." Din id-definizzjoni wiesgħa tibni fuq il-Qafas tal-UNESCO għall-Istatistika Kulturali, 2009, il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea "L-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi", u fuq ir-Regolament ta' Ewropa Kreattiva.

⁽²⁾ Komunikazzjoni "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali I-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" C(2021)350.

⁽³⁾ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni 2010 SWD (2021) 351final, pp 98-104 (https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/swd-annual-single-market-report-2021_en.pdf).

JISSOTTOLINJA LI:

6. Minbarra l-impatt tagħha fuq terminu qasir, il-kriżi attwali tal-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-isfidi u l-opportunitajiet strutturali komuni għas-CCIE kollha. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, it-trasformazzjoni diġitali tal-metodi u l-użi tad-disinn; il-kompetizzjoni qawwija minn atturi globali kbar u l-integrazzjoni tagħhom; il-ħtieġa li jiġu kkonsolidati l-iskemi u jiġu diversifikati s-sorsi ta' finanzjament għall-ħolqien, għall-produzzjoni u għat-tixrid ta' xogħlijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-mudelli tan-negozju; il-ħtieġa għal skemi ta' assigurazzjoni adattati għall-ispeċifitajiet tas-CCSI; u l-ħtieġa li tiġi akkumpanjata d-domanda tal-udjenza li qed tinbidel malajr u li tiġi appoġġata l-adozzjoni tal-innovazzjoni;
7. Sfidi u opportunitajiet oħra għas-CCIE huma l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika; il-kontribut għall-ugwaljanza u d-diversità; ir-rwol li jaqdu s-CCSI fil-livell reġjonali u lokali, b'mod partikolari fil-koeżjoni soċjali, l-ekonomiji lokali, billi jattiraw turiżmu ta' kwalità lejn l-Ewropa u jagħtu spinta lill-vitalità taż-żoni rurali u urbani; u r-rwol li jaqdu s-CCSI fir-relazzjonijiet esterni, b'mod partikolari fit-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà u ż-żamma ta' aġenda ambizzjuża dwar il-proprjetà intellettuali;
8. Sabiex jiġi ppreservat il-wirt kulturali, jiġi promoss l-aċċess għalih u biex jibqgħu jinħolqu, jiġu prodotti u distribwiti xogħlijiet ġodda u oriġinali li jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, huwa importanti li jiġi eżaminat, mill-qrib mas-settur, kif għandhom jiġu definiti, salvagwardjati u promossi l-assi kulturali strateġiċi tagħna. L-assi kulturali strateġiċi jinkludu, fost l-oħrajn, kapaċitajiet għall-ħolqien, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-wiri indipendenti ta' kontenut u xogħlijiet kulturali, inkluż il-proprjetà tanġibbli u intanġibbli tagħhom, pereżempju l-proprjetà ta' katalgi jew studji (studji tal-films, tat-televiżjoni jew tal-arti), li ħafna drabi huma appoġġati minn finanzjament pubbliku;
9. CCIE Ewropea b'saħħitha, dinamika, diversa, kompetittiva, innovattiva, vijabbli u indipendenti li hija adattata għall-era diġitali, kif ukoll l-esperimentazzjoni, hija essenzjali għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika għall-benefiċċju tal-udjenzi kollha. L-indipendenza tagħha tinsab fl-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-intrapriżi tas-CCIE, li fil-biċċa l-kbira huma SMEs, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażliet artistiċi u finanzjarji ewlenin tagħhom;
10. Huwa essenzjali li jiġu stimulati l-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi kulturali u kreattivi Ewropej b'saħħithom u kompetittivi ta' kull daqs li huma kapaċi jikkompetu mal-atturi globali b'mod ġenerali, u b'mod partikolari fi swieq fejn l-UE għandha vantaġġ kompetittiv, u fi swieq ġodda emerġenti bħar-realtà awmentata u virtwali (AR/VR), il-logħob tal-kompjuter jew l-intelliġenza artifiċjali, pereżempju meta jintużaw biex jappoġġaw il-produzzjoni u l-aċċess għal xogħlijiet kulturali u kreattivi;
11. Filwaqt li l-emerġenza ta' atturi diġitali globali, li jaġixxu bħala gwardjani fis-suq diġitali, tista' ġġib magħha opportunitajiet finanzjarji u kreattivi għas-settur, tista' wkoll toħloq sfida kemm għall-finanzjament tal-kreattività Ewropea kif ukoll għad-diversità kulturali u lingwistika;
12. Għalhekk huwa urġenti għall-Unjoni Ewropea li ssaħħaħ ir-rikkezza u d-diversità kulturali Ewropea permezz ta' strateġija applikabbli għas-CCSI kollha li trawwem il-kreattività Ewropea u d-diversità tal-espressjoni kulturali.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI:

13. Iniedu konsultazzjonijiet mal-professjonisti rilevanti dwar sfidi u opportunitajiet komuni disponibbli għas-CCSI, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri u investimenti li jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet doppji u l-irkupru sostenibbli;
14. Jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajba tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' politiki kulturali effettivi li jappoġġaw u jsoġu oqsma problematiċi speċifiċi tas-CCIE fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u jippromwovu modi effettivi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-CCIE f'oqsma oħra ta' politika;
15. Jippromwovu kooperazzjoni kulturali regolari b'mod partikolari freġjuni tal-fruntiera li jiffaċċjaw sfidi komuni, pereżempju t-telf ta' industrijiet jew ħilet tradizzjonali, fost l-oħrajn billi jrawmu djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

16. Jistimulaw ir-riċerka dwar is-CCIE u dik li ssir minnha biex jinkoraġġixxu l-ħolqien u l-użu ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) li jsaħħu l-adozzjoni tal-innovazzjoni, il-ħiliet u l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom, u biex jikkomplementaw il-proġetti li għaddejjin, b'mod partikolari bl-appoġġ ta' Orizzont Ewropa u l-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT);
17. Jappoġġjaw intrapriżi indipendenti fis-CCIE, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jstrutturaw lilhom infushom, jiffinanzjaw u jxerrdu xogħlijiet oriġinali, iżommu u jżviluppaw il-mudelli tan-negozju tagħhom u jippreservaw u jsaħħu l-assi tagħhom u l-mudelli tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom, kif ukoll l-innovazzjoni teknoloġika, ambjentali u soċjali tagħhom;
18. Jagħmlu użu sħiħ mill-iżviluppi l-ġodda fid-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD), billi jrawmu l-promozzjoni u l-prominenza effettivi tax-xogħlijiet Ewropej mill-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, u billi jikkunsidraw il-benefiċċji tal-għażla mogħtija mill-AVMSD lill-Istati Membri li jirrikjedu kontribuzzjoni finanzjarja, sabiex tiġi żgurata l-vitalità tal-produzzjoni Ewropea, il-viżibbiltà tax-xogħlijiet, u t-tixrid tagħhom madwar l-Ewropa.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

19. Jimplimentaw l-Istrateġija Ewropea tas-CCIE definita hawn, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li jibnu fuq l-inizjattivi u l-programmi ta' finanzjament tal-UE sabiex jisfruttaw kemm jista' jkun sinerġiji, u jiffokaw fuq il-prijoritajiet li ġejjin:

I. ITEJBU L-AĊĊESS GĦALL-FINANZJAMENT MILL-INTRAPRIŻI TAS-CCIE EWROPEJ:

20. Jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-finanzjament Ewropew disponibbli għall-intrapriżi tas-CCIE billi jgħaqqdu l-gwida ta' finanzjament CultureEU u l-ġhodda interattiva tal-immappjar għall-media awdjoviżiva u tal-aħbarijiet żviluppata mill-Kummissjoni sabiex ikun hemm portal diġitali multilingwi uniku li jelenka d-diversi opportunitajiet ta' finanzjament possibbli għas-CCIE kollha;
21. Jiffaċilitaw l-aċċess għall-intrapriżi tas-CCIE, b'mod partikolari l-kumpaniji indipendenti, inkluż l-iżgħar fosthom, għal skemi ta' finanzjament pubbliċi u privati, self, garanziji, soluzzjonijiet ta' kapital ta' riskju u finanzjament ta' ekwità, filwaqt li jqisu l-ispeċifitajiet ta' dawn in-negozji, u jissimplifikaw il-proċeduri;
22. Jikkontribwixxu għall-potenzjal ta' konsolidazzjoni u tkabbir tal-SMEs fis-CCIE, pereżempju billi jużaw il-pjattaforma l-ġdida ta' ekwità tal-Media Invest għall-industrija awdjoviżiva, sabiex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u jippermettu lill-SMEs Ewropej joperaw madwar l-Unjoni u lil hinn minnha;
23. Ikomplu jiffaċilitaw l-effett ta' lieva tal-għajnuna pubblika u l-kompetittività tal-intrapriżi tas-CCIE permezz ta' rieżami tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat qabel tmiem l-2023, inkluż, fejn xieraq, ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) dwar l-għajnuna mill-Istat, li jippermetti li jitqiesu r-rilevanza u l-ħtieġa ta' adattament fir-rigward tas-setturi kulturali u awdjoviżivi bħall-istampa, il-logħob tal-kompjuter, it-teatru, l-istudju u l-mużika;

IĦEĠĠU L-IŻVILUPP U T-TITJIB TAL-HILJET, L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ, INKLUŻ:

24. It-tnedija ta' studju ta' rendikont (*) dwar professjonijiet u ħiliet ġodda meħtieġa għat-tranżizzjoni diġitali sabiex tiġi garantita u promossa d-diversità kulturali, u jiġu elaborati rakkomandazzjonijiet dwar ħiliet li huma effiċjenti, favur id-diversità u l-ugwaljanza, u adattati għad-dinja diġitali u għal-limitazzjonijiet kompetittivi ġodda bħall-kwistjonijiet ta' skopribbiltà. L-istudju għandu jibni fuq azzjonijiet imwettqa skont il-Patt tal-UE għall-Ħiliet, u fejn xieraq, fuq il-kontribut minn strutturi bħall-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew jew Europeana;

(*) Għandu jitħejja mill-Kummissjoni Ewropea

25. It-tnedija ta' forum regolari dwar l-intraprenditorija kulturali u kreattiva Ewropea, li jibni fuq inizjattivi eżistenti, immirat lejn it-trawwim tat-tixrid tal-aħjar Prattiki, in-networking u l-kondiviżjoni ta' ideat dwar suġġetti attwali u żviluppi settorjali;
26. L-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' taħriġ u għodod ekoloġiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali għal atturi differenti tas-CCIE, u jitrawmu skambji tal-aħjar Prattiki, b'mod partikolari f'assoċjazzjoni mal-Patt tal-UE għall-Filiet.

IŻ-ŻAMMA U L-AFFERMAZZJONI MILL-ĠDID TAR-RIKKEZZA U D-DIVERSITÀ KULTURALI EWROPEA FL-ERA DIĠITALI, INKLUŻ:

27. It-tisħiħ tal-assi kulturali strateġiċi Ewropej u l-awtonomija strateġika tagħhom biex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-udjenzi Ewropej u globali għad-diversità tal-espressjoni kulturali fl-Ewropa li tirrifletti l-valuri tal-UE u biex tiġi appoġġata s-CCIE Ewropea fiż-żamma u t-tisħiħ tal-vantaġġ kompetittiv li għandha;
28. Il-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u l-iżgurar ta' remunerazzjoni ġusta u l-kondiviżjoni tal-valur mill-istadju tal-iżvilupp tal-kontenut Ewropew, filwaqt li tiġi garantita t-trasparenza dwar id-data operazzjonali, b'mod partikolari dwar l-użu u s-suċċess ta' xogħlijiet u suġġetti protetti oħra;
29. It-tkomplija tat-trawwim tal-kreattività u l-produzzjoni indipendenti ta' xogħlijiet Ewropej billi jiġi pprovdut qafas favorevoli għall-intrapriżi li fi hdnhom jimmaniġġjaw b'mod effiċjenti d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tagħhom, b'mod partikolari d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, u l-assi intanġibbli tagħhom, pereżempju billi jippromwovu infrastruttura tad-data dwar id-drittijiet tal-awtur adattata għall-era diġitali. F'dik il-perspettiva, fis-settur awdjoviżiv għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-koproduzzjonijiet u lit-territorjalità tad-drittijiet, li huma essenzjali għall-finanzjament sostenibbli tas-settur u għall-istrateġiji ta' distribuzzjoni;
30. Nibnu fuq inizjattivi eżistenti tal-UE (pereżempju Start-up Europe Club, Creative Business Cup, Network Enterprise Europe, Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej) permezz ta' programmi aċċelleraturi, li jistgħu jieħdu l-forma ta' programmi ta' taħriġ, konsulenza u networking biex tingħata spinta lin-negozji ġodda innovattivi fis-CCIE fost l-SMEs Ewropej b'potenzjal għoli;
31. It-tixrid u l-promozzjoni tal-aktar avvanzi teknoloġiċi reċenti fis-CCIE, b'mod partikolari abbażi tal-ħidma tal-KKI li jmiss dwar is-CCIs; f'dak ir-rigward, il-promozzjoni ta' governanza tad-data responsabbli u etika, b'mod partikolari l-privatezza fid-disinn, u l-użu ta' teknoloġiji fl-isforzi biex is-sovranià diġitali Ewropea tkompli tinbena;
32. It-tnedija ta' kompetizzjoni tal-innovazzjoni Ewropea, li tibni fuq inizjattivi eżistenti bħall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-KKI li jmiss dwar is-CCIs, sabiex jiġu promossi proġetti fis-CCIE li jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji ta' strutturar billi jipproduċu soluzzjonijiet rivoluzzjonarji li jkunu qrib is-suq u innovattivi (AR/VR, big data, intelliġenza artifiċjali, blockchain, Holochain, teknoloġiji 3D, mudellar, mudelli diġitali, metaverse, eċċ.);
33. L-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' dawn it-teknoloġiji għall-gruppi kollha ta' persuni, b'mod partikolari għal dawk b'aċċess limitat għat-teknoloġija diġitali u l-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari billi jiġu promossi l-ħiliet diġitali u l-litteriżmu medjatiku, b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u ż-żgħażaġh;
34. Il-promozzjoni ta' approċċi strateġiċi dwar l-iskopribbiltà online tal-kontenut kulturali Ewropew fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, u b'mod partikolari ta' xogħlijiet indipendenti, li jibnu fejn xieraq fuq sinerġiji b'saħħithom mal-Europeana, l-Agorateka ⁽⁵⁾, l-ERGA ⁽⁶⁾, l-Eurimages ⁽⁷⁾ u l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, u fl-isparju tad-data li jmiss għall-wirt kulturali;

⁽⁵⁾ Il-Portal Ewropew tal-Kontenut Online: <https://agorateka.eu/>

⁽⁶⁾ Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva

⁽⁷⁾ Il-fond ta' appoġġ kulturali tal-Kunsill tal-Ewropa: <https://www.coe.int/en/web/eurimages>

35. Inizjattivi bħal dawn ikollhom l-għan li jipprovdu qafas għal skambji professjonali regolari (pereżempju f'Forum Ewropew dwar l-Iskopribbiltà); it-tnedija ta' studji li jimmapjaw il-prattiki u l-aspettattivi eżistenti relatati mal-iskopribbiltà għas-CCSI kollha; l-iżvilupp ta' fehim aħjar tar-rwol tal-algoritmi ta' rakkomandazzjoni fil-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u fir-riflessjoni dwar it-trasparenza tagħhom; u jekk ikun xieraq, li jiġu proposti korsijiet ta' azzjoni b'mod partikolari dwar l-istandardizzazzjoni, il-forniment tal-metadata, l-interoperabbiltà, u l-għodod biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-udjenza;

IT-TISĦIĦ TAL-ESPORTAZZJONI MILL-INTRAPRIŻI TAS-CCIE, INKLUŻ:

36. L-istimulazzjoni tal-inizjattivi biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-kumpaniji Ewropej biex joperaw fis-suq estern, bħal skemi Ewropej ta' immersjoni jew proġetti promozzjonali oħra implimentati permezz ta' Ewropa Kreattiva li jistgħu jappoġġjaw l-istrategġiji ta' esportazzjoni tagħhom u jsaħħu l-istabbiliment tagħhom fi swieq b'potenzjal għoli;
37. L-appoġġ għall-parteċipazzjoni tal-intrapriżi tas-CCIE f'avvenimenti settorjali importanti, bħal fieri u wirjiet kummerċjali, li jibnu fuq inizjattivi eżistenti fil-livell nazzjonali jew reġjonali, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera mmirata jew approċċ ta' network;
38. Il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-industriji kulturali u kreattivi Ewropej u daww minn pajjiżi emerġenti, meġġuna minn strumenti ta' sħubija u żvilupp tal-UE;

IL-PROMOZZJONI TA' POLITIKI RESPONSABBLI FL-INTRAPRIŻI TAS-CCIE, INKLUŻ:

39. It-trawwim, pereżempju permezz ta' premjijiet u inċentivi oħra, f'konformità mal-Patt Globali tan-NU, politiki responsabbli f'termini ta' sostenibbiltà u protezzjoni ambjentali, b'mod partikolari proġetti li jippromwovu approċċi innovattivi f'konformità mal-kontinwu tal-ekonomija ċirkolari, bħal mudelli ta' negozju ċirkolari, prinċipji tal-ekodisinn u strategġiji ta' ġestjoni ta' tmiem il-ħajja;
40. L-identifikazzjoni ta' Prattiki tajbin fit-trasformazzjoni sostenibbli tas-CCIE u l-promozzjoni tagħhom fil-livell Ewropew, inkluż fil-kuntest tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida;
41. It-tħeġġiġ tal-implimentazzjoni ta' politiki responsabbli fis-CCIE fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, inkluż ir-remunerazzjoni ġusta għad-detenturi tad-drittijiet, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u garanziji soċjali, u l-inklużjoni tagħhom fil-finanzjament pubbliku.

—

ANNEXE

Konklużjonijiet

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali (2015/C 172/04).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-21 ta' Lulju 2020 dwar il-pjan ta' rkupru u l-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi (2021/C 209/03, 2 ta' Ġunju 2021).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni (2021/C 210/01).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar iż-żieda tad-disponibbiltà u l-kompetittività tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew.

Atti leġiżlattivi

- Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013.

Dokumenti oħra ta' politika rilevanti**Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni**

- Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar "L-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi", COM/2010/183 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni, COM/2020/784 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, COM/2020/102 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika, COM/2021/550 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM/2021/350 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-linji gwida tal-UE għall-issoktar sikur tal-attivitajiet fis-setturi kulturali u kreattivi - COVID-19, COM/2021/4838.

Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 – "Il-Media Ewropea fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni b'Appoġġ għall-Irkupru u t-Trasformazzjoni", 2021/2017(INI).

Konvenzjonijiet u dokumenti tal-UNESCO

- Il-Konvenzjoni tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.
- “Cultural and Creative Industries in the Face of COVID-19: An Economic Impact Outlook” (L-Industriji Kulturali u Kreattivi Quddiem il-COVID-19: Prospettiva tal-Impatt Ekonomiku), Studju tal-2021.
- Il-Qafas għall-Istatistika Kulturali tal-UNESCO tal-2009.

Dokumenti tal-gruppi ta' esperti tal-MMK

- Rapport dwar il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) dwar il-koproduzzjoni tal-UE
 - Mandat tal-Grupp ta' esperti tal-MMK tal-Istati Membri dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi.
-

Konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar it-tisħiħ tal-iskambji interkulturali permezz tal-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, u permezz tal-multilingwiżmu fl-era diġitali**

(2022/C 160/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI:

1. Id-diversità kulturali u lingwistika hija intrinsika għall-Unjoni Ewropea u l-valuri fundamentali tagħha. Tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kreattività, il-libertà kreattiva, l-iskambji kulturali u għall-varjetà u l-kwalità tal-offerta kulturali u artistika għall-Ewropej kollha. Tippromwovi l-fehim reċiproku u r-rispett għall-kulturi u l-lingwi, u hija wirt komuni, rikkezza, forza, u karatteristika distintiva tar-relazzjonijiet fl-Ewropa u mal-bqija tad-dinja;
2. Huwa essenzjali li jiġu mħeġġa l-mobbiltà u l-iskambji bejn l-artisti, l-organizzazzjonijiet kulturali u l-professjonisti kulturali u kreattivi Ewropej, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, kif minqax fil-programm Ewropa Kreattiva, b'mod partikolari wara l-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19. Huwa essenzjali wkoll li jiġi appoġġat l-aċċess għall-kultura u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet kulturali fl-Ewropa, biex b'hekk ħajjitna tiġi arrikkita b'mod individwali u kollettiv;
3. Il-mobbiltà tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi għandha tiġi ffaċilitata mhux biss fost l-organizzazzjonijiet kulturali Ewropej, iżda anki fost artisti u professjonisti individwali, kif esperjenzat permezz tal-proġetti pilota tal-programm i-Portunus mill-2018 'l hawn. Din il-mobbiltà tippermettilhom jaħdmu u joħlqu b'mod konġunt, jibnu l-kuntatti, jiksbu kompetenzi, ħiliet u tekniki ġodda, ifittxu ispirazzjoni, jilhq u djenzi ġodda u swieq ġodda, u jaċċessaw opportunitajiet ta' karriera ġodda.
4. Il-mobbiltà tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi tista' tislet b'mod utli minn opportunitajiet bħal skemi ta' residenza u min-networks Ewropej ta' istituzzjonijiet jew festivals. Dan jista' jiġi ffaċilitat b'mod partikolari permezz ta' informazzjoni komprensiva, preċiża u multilingwi dwar skemi ta' mobbiltà eżistenti, assistenza disponibbli, u programmi li jqisu l-kuntest ġenerali tal-mobbiltà;
5. L-iskemi ta' mobbiltà Ewropej jikkontribwixxu għall-istabbiliment u t-trawwim ta' sħubijiet li huma prerekwiżit fl-applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġetti ta' kooperazzjoni Ewropa Kreattiva;
6. Politika ambizzjuża ta' diversità kulturali u lingwistika għandha tintegra bis-sħiħ kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u tislet mill-innovazzjoni teknoloġika, inkluż fil-qasam diġitali;
7. Il-multilingwiżmu ⁽¹⁾ jrawwem id-diversità kulturali u l-kreattività, inkluż fil-qasam tal-kontenut awdjoviżiv, tal-media u dak diġitali, u jippermetti aċċess usa' għal approċċi, xogħlijiet, għarfien u ideat kulturali differenti. Il-kompetenza lingwistika (plurilingwalizmu ⁽²⁾) tikkostitwixxi assi importanti f'kuntest globalizzat u tikkontribwixxi għall-mobbiltà professjonali u l-iskambji fis-setturi kulturali u kreattivi;
8. It-tradutturi, l-interpreti u l-edukaturi tal-lingwi professjonali għandhom rwol sinifikanti fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet artistiki, għarfien u ideat, b'mod partikolari għal lingwi Ewropej inqas mifruxa, u b'hekk jappoġġaw ta' kuljum id-diversità kulturali Ewropea;
9. It-teknoloġiji lingwistiċi u tal-web semantiku jistgħu jappoġġaw il-multilingwiżmu u l-komunikazzjoni bejn il-lingwi; jgħinu fl-apprendiment, it-tagħlim u s-sensibilizzazzjoni tal-lingwi; u joffru għodod utli għat-tradutturi professjonali, b'kont meħud li tali għodod ma jistgħux jissostitwixxu bis-sħiħ traduzzjoni umana u għalhekk l-output tagħhom jeħtieġ li jiġi mmonitorjat il-ħin kollu u adattat għall-preċiżjoni;

(1) Definit bħala l-preżenza jew il-koeżistenza ta' diversi lingwi f'soċjetà jew territorju partikolari, jew fuq mezz partikolari.

(2) Definit bħala l-kapaċità ta' individwu li juża diversi lingwi.

I. IL-MOBBILTÀ TAL-ARTISTI U TAL-PROFESSIONISTI KULTURALI U KREATTIVI

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

10. Tiżgura aċċess usa' tal-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi għall-għotjiet ta' mobbiltà tal-UE fi ħdan Ewropa Kreattiva permezz ta' skema stabbli fil-livell Ewropew għall-mobbiltà kulturali individwali u kollettiva, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll lil hinn minnha, biex titkompla d-dinamika maħluqa bil-proġetti pilota i-Portunus;
11. Tesplora modi għall-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' portal ta' informazzjoni aċċessibbli, interattiv u multilingwi, waqt li tibni kemm tista' fuq inizjattivi eżistenti u tiġi ispirata minn portali eżistenti bħal EURAXESS ⁽³⁾, CulturEU ⁽⁴⁾ u oħrajn, li jipprovdi informazzjoni komprensiva u aġġornata dwar opportunitajiet ta' mobbiltà u għotjiet disponibbli mill-Istati Membri u fil-livell Ewropew, għal individwi, gruppi ta' individwi u organizzazzjonijiet kulturali, fejn rilevanti, kif ukoll li jappoġġa n-networking ta' organizzazzjonijiet, ta' ċentri u ta' dawk li jkunu qed ifittxu l-mobbiltà;
12. Tikkontribwixxi għall-appoġġ u n-networking ta' servizzi tal-informazzjoni dwar il-mobbiltà għall-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi;
13. Tiżgura li l-iskemi ta' mobbiltà Ewropej iqisu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' artisti emerġenti u artisti li ġejjin minn gruppi żvantaġġati jew b'inqas opportunitajiet, li normalment jibbenefikaw inqas minn skemi ta' mobbiltà eżistenti, u tipprovduhom appoġġ imfassal apposta;
14. Tippromwovi u trawwem b'mod attiv id-diversità lingwistika fl-iskemi ta' mobbiltà għall-istudenti tal-arti, l-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi, għall-mobbiltà kemm fiżika kif ukoll virtwali, filwaqt li tibni fejn rilevanti fuq mudelli eżistenti bħall-pjattaforma tal-Appoġġ Lingwistiku Online żviluppata għall-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ⁽⁵⁾;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

15. Jiżviluppaw jew ikomplu skemi ta' mobbiltà, flimkien ma' inizjattivi jew programmi tal-UE, biex jiffaċilitaw kemm jista' jkun il-mobbiltà u l-iskambji bejn l-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi Ewropej;
16. Jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kulturali u dawk responsabbli għal kwistjonijiet relatati mal-mobbiltà, pereżempju l-ħruġ ta' viżi, sabiex jiġu esplorati għażliet possibbli biex jitqiesu l-partikolaritajiet tal-mobbiltà tal-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi;
17. Iħeġġu ħidma għall-faċilitazzjoni tal-mobbiltà transkonfinali billi jitnaqqas il-piż amministrattiv fir-rigward, pereżempju, tas-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni, l-akkomodazzjoni, id-dwana jew it-tassazzjoni, filwaqt li jittieħed kont aħjar tal-ispeċifitàjiet tal-professionijiet kulturali u kreattivi, u billi jsir użu, fejn adatt, mir-riżultati li jmiss tal-grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni ⁽⁶⁾ dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi;
18. Jippromwovu l-għoti, l-appoġġ u t-tisħiħ tas-servizzi tal-informazzjoni dwar il-mobbiltà għall-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi, sabiex jgħinuhom fil-formalitajiet tal-mobbiltà, u b'mod partikolari biex jipprovduhom informazzjoni dwar il-qafas regolatorju applikabbli, billi jikkollaboraw mal-awtoritajiet rilevanti;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U FKONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

19. Jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-artisti u l-professionisti kulturali, b'mod partikolari billi jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ivvjaġġar tagħhom, bħat-trasport ta' strumenti mużikali jew materjal tal-arti, filwaqt li jqisu d-diversità u l-inklużività;

⁽³⁾ <https://euraxess.ec.europa.eu/>

⁽⁴⁾ <https://ec.europa.eu/culture/funding/cultureu-funding-guide>

⁽⁵⁾ <https://erasmus-plus.ec.europa.eu/resources-and-tools/online-linguistic-support>

⁽⁶⁾ Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Il-gruppi tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni huma stabbiliti fil-qafas tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12).

20. Jippromwovu programmi ta' mobbiltà li, minkejja l-livell ta' governanza tagħhom, iquisu l-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar u jintegraw b'mod adegwat kwistjonijiet ekoloġiċi, filwaqt li jquisu d-diversità u l-karatteristiċi ġeografiċi tal-Unjoni, u b'mod partikolari jippromwovu:
- mobbiltà mħallta bl-użu tal-potenzjal tal-iskambji virtwali, b'kunsiderazzjoni xierqa għad-diversità lingwistika tal-parteċipanti u l-valur intrinsiku tal-mobbiltà fiżika, u
 - l-użu ta' mezzi tat-trasport li jniġġsu inqas, mingħajr ma jiġu esklużi każijiet fejn it-trasport bl-ajru jkun l-unika għażla jew għażla meħtieġa, bħal fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi ⁽⁷⁾, il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej ⁽⁸⁾, il-ġzejjer u ż-żoni insulari;
21. Itejbu l-użu ta' għodod li jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja ⁽⁹⁾ tal-professionisti kulturali u kreattivi, b'mod partikolari billi jsaħħu s-sinerġiji mal-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva, u bejniethom, sabiex jitqiesu aħjar l-ispeċifitàjiet tas-setturi kulturali u kreattivi;

II. IL-MULTILINGWIŻMU FL-ERA DIĠITALI, B'RABTA MAL-KWISTJONJET TAL-KOEŻJONI SOĊJALI U Ċ-ĊITTADINANZA EWROPEA

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

22. Issaħħaħ l-integrazzjoni tal-multilingwiżmu fil-programmi tal-Unjoni;
23. Tippromwovi approċċ strateġiku għall-UE kollha għall-multilingwiżmu fl-ambjent diġitali;
24. Tkompli taħtaf l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji lingwistiċi biex tiżgura traduzzjoni ta' kwalità għolja u usa' tas-siti web tagħha u ta' għodod oħra ta' komunikazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE ⁽¹⁰⁾;
25. Toffri spazju ta' informazzjoni multilingwi dwar it-teknoloġiji lingwistiċi Ewropej u l-appoġġ u r-riżorsi relatati, inkluż skemi Ewropej għall-plurilingwiżmu u t-traduzzjoni, flimkien ma' korpi bħall-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għal-Lingwi (EFNIL);
26. Tippromwovi governanza responsabbli u etika tad-data u privatezza mid-disinn fl-isforzi biex jissaħħu l-lingwi permezz tat-teknoloġija;
27. Tappfondixxi l-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali attivi fl-oqsma tal-apprendiment tal-lingwi, it-teknoloġija diġitali, u d-diversità kulturali u lingwistika, [...] speċjalment mal-Kunsill tal-Ewropa u ċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni tiegħu, kif ukoll mal-UNESCO;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

28. Jippromwovu d-diversità kulturali u lingwistika u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet kulturali permezz tat-traduzzjoni kollha tal-media, inkluż fejn rilevanti billi jieħdu vantaġġ mill-aħħar t-teknoloġiji diġitali, billi:
- a) Jippromwovu t-traduzzjoni bħala vokazzjoni fl-edukazzjoni, li tibda mill-iskola bl-użu tat-traduzzjoni bħala waħda mill-prattiki li jtejbu l-ħiliet tal-kitba u dawk lingwistiċi;
 - b) Iħeġġu taħriġ inizjali ta' kwalità fit-traduzzjoni għas-setturi kulturali u kreattivi, u taħriġ tul il-ħajja għat-tradutturi professjonali, filwaqt li jitqies l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali;
 - c) Isaħħu l-attraenza tal-professjoni tat-traduzzjoni billi joffru aktar viżibbiltà u rikonoxximent;

⁽⁷⁾ Kif identifikat fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁸⁾ Kif identifikat fl-Artikolu 198 u fl-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁹⁾ Kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus +: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Kif definit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385–386), kif emendat.

- d) Iħeġġu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, remunerazzjoni ġusta u prattiki kuntrattwali ġusti għat-tradutturi, speċjalment fis-setturi kulturali u kreattivi, irrISPETTIVAMENT mill-kombinazzjonijiet tal-lingwi u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-awtonomija tas-sħab soċjali;
- e) Isaħħu l-appoġġ pubbliku eżistenti, b'mod partikolari permezz tat-trawwim tan-networking bejn il-professjonisti, l-inkoraġġiment tal-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet rilevanti li jipprovdu għotjiet għat-traduzzjoni, u l-immirar tal-finanzjament għat-traduzzjoni minn lingwi barranin u lejhom fil-livell nazzjonali u dak Ewropew;
- f) Ikomplu l-iskambji dwar il-multilingwiżmu u dwar it-traduzzjoni kollha tal-media fl-era diġitali fil-fora xierqa, li jkopru s-setturi kulturali, kreattivi u dawk tal-għarfien kollha;
29. Jippromwov u l-plurilingwiżmu fit-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾, fost l-oħrajn permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni bħall-Jum Ewropew tal-Lingwi u l-iżvilupp u t-titjib tal-għodod diġitali, u b'mod partikolari:
- a) Jipprovdu aktar opportunitajiet għat-ftal u z-zgħażaġh, inkluż dawk b'inqas opportunitajiet, biex jinvolvu ruħhom ma' lingwi u kulturi oħra, kif xieraq u b'mod komplementari għall-apprendiment tal-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri;
- b) Jiżviluppaw ħilet lingwistiċi fost l-istudenti foqasma kulturali, fost l-artisti u fost il-professjonisti kulturali u kreattivi;
- c) Jiffaċilitaw, għall-migranti, u b'mod partikolari għall-migranti zgħażaġh, l-apprendiment tal-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ospitanti tagħhom, filwaqt li japprezzaw id-diversità lingwistika;
30. Jappoġġaw, fejn rilevanti, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-lingwa għaċ-ċittadini u l-kumpanniji Ewropej sabiex jitravwmu skambji interkulturali u tittejjeb il-kapaċità analitika, abbażi ta' riżorsi u pjattaformi diġa eżistenti, u b'mod partikolari:
- a) Jippromwov u l-ħolqien tal-Ispazju Ewropew tad-Data Lingwistika, bħala pjattaforma Ewropea ta' skambju li tiffaċilita, għall-impreduturi, l-investituri, ir-riċerkaturi, u l-awtoritajiet pubbliċi, il-ħolqien, il-ġbir, l-użu (mill-ġdid) u l-kondiviżjoni ta' riżorsi, għodod u mudelli lingwistiċi f'konformità sħiħa mal-valuri tal-UE tal-privatezza, it-trasparenza u l-fiduċja;
- b) Jappoġġaw l-istabbiliment ta' bażijiet ta' data u riżorsi terminoloġiċi multilingwi u użu usa' ta' pjattaformi eżistenti, bħall-IATE, kif ukoll infrastrutturi tal-lingwi u multilingwi Ewropej, bħal CLARIN ERIC, bil-ħsieb li jitwessgħu l-ġbir u t-tindif ta' data diġitali dwar il-lingwa, kemm testwali kif ukoll orali, u l-aċċess għaliha;
- c) L-inkoraġġiment tal-iżvilupp, l-użu, u l-monitoraġġ fejn adatt ta' sistemi ta' traduzzjoni awtomatizzati, inkluż is-servizz tal-eTranslation għal-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, u għodod lingwistiċi oħra fil-livell Ewropew, li jfittxu sinerġiji man-network Ewropew ta' Koordinazzjoni tar-Riżorsi Lingwistiċi (ELRC), il-proġett tal-Grilja Ewropea tal-Lingwi (ELG) u l-Ispazju Ewropew tad-Data Lingwistika futur;
- d) Irawmu l-konverġenza ta' skemi ta' riċerka u innovazzjoni, u l-identifikazzjoni ta' oqasma ta' applikazzjoni, u jgħaqqdu aħjar ir-riċerka mal-ħtiġijiet tal-kumpanniji u ċ-ċittadini fil-qasam tat-teknoloġiji tal-lingwa għat-traduzzjoni u l-ipproċessar multilingwi u analitiku;
- e) Iqajmu l-kuxjenza fost il-kumpanniji dwar il-benefiċċji tal-użu tat-teknoloġiji tal-lingwa biex jikkomunikaw f'diversi lingwi uffiċjali tal-UE;
- f) Jippromwov u involviment akbar tat-tradutturi professjonali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tat-traduzzjoni diġitali;
31. Jippromwov u aċċess multilingwi għal kontenut Ewropew diġitalizzat permezz ta' teknoloġiji ġodda bl-arrikkiment tal-metadata u l-provvediment ta' esperjenzi multilingwi f'termini ta' kontenut editorjali u interfaċċi tal-utenti; f'dan ir-rigward, jibnu fuq ir-riċerka u l-ħidma mwettqa mill-pjattaformi diġitali bħal Europeana;
32. Jiskambjaw l-aħjar prattiki u jieħdu kont tal-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet sal-2025.

⁽¹⁾ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Approċċ Komprensiv lejn it-Tagħlim u l-Apprendiment tal-Lingwi (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 15).

ANNEX

REFERENZI

Trattati tal-UE

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u speċjalment l-Artikolu 3(3): “Hija [l-Unjoni] għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jiġihares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew.”

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u speċjalment l-Artikoli 165, 166 u 167, b'mod partikolari l-Artikolu 167(4): “L-Unjoni għandha tagħti każ tal-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, partikolarment sabiex tirrispetta u tippromwovi id-diversità tal-kulturi tagħha.”

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u speċjalment l-Artikolu 22: “L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.”

Kunsill Ewropew

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (14 ta' Diċembru 2017) (EUCO 19/1/17 REV 1, taqsima II dwar Edukazzjoni u Kultura, it-tielet paragrafu fil-paġna 4) ⁽¹⁾.

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-multilingwiżmu (ĠU C 140, 6.6.2008, p. 14).

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar kompetenzi interkulturali (ĠU C 141, 7.6.2008, p. 14).

Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu (ĠU C 320, 16.12.2008, p. 1).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' informazzjoni dwar il-mobilità għall-artisti u l-professjonisti tal-kultura (ĠU C 175, 15.6.2011, p. 5).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kompetenzi lingwistiċi għat-tiżiħ tal-mobilità (ĠU C 372, 20.12.2011, p. 27).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-multilingwiżmu u l-iżvilupp ta' kompetenzi lingwistiċi (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 26).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12).

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Approċċ Komprensiv lejn it-Tagħlim u l-Apprendiment tal-Lingwi (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 15).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi (ĠU C 209, 2.6.2021, p. 3).

Gruppi ta' Esperti tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni

Policy report proposing five key principles for building and maintaining a strong framework to support the mobility of artists and cultural professionals (Rapport ta' politika li jipproponi ħames prinċipji ewlenin għall-bini u ż-żamma ta' qafas sod għall-appoġġ tal-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali) (2012).

Policy Handbook on Artists' Residencies (Manwal ta' Politika dwar ir-Residenzi tal-Artisti) (2014).

“Translators on the cover”. Report of the Open Method of Coordination working group of EU Member States experts on Multilingualism & Translation (“Tradutturi fuq il-qoxra”. Rapport tal-grupp ta' ħidma dwar il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri tal-UE dwar il-Multilingwiżmu u t-Traduzzjoni) (2022).

Kummissjoni Ewropea

Il-Multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni (COM(2008) 566 final).

Linji gwida (Standards ta' Informazzjoni dwar il-Mobbiltà) dwar l-istandards tal-kwalità għall-istabbiliment ta' servizzi ta' informazzjoni u konsulenza għall-artisti u l-professjonisti kulturali, maħruġa mill-grupp ta' ħidma (2011).

⁽¹⁾ “Il-Kunsill Ewropew jitlob ukoll lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jeżaminaw miżuri possibbli li jindirizzaw: [...] il-kondizzjonijiet ta' qafas legali u finanzjarju għall-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi u għall-mobbiltà tal-professjonisti fis-settur kulturali.”

Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura (COM(2018) 267 final) ⁽²⁾.

Rakkomandazzjoni dwar spazju komuni Ewropew tad-data għall-wirt kulturali (ĠU L 401, 12.11.2021, p. 5-16).

Djalogu strutturat “Voices of Culture”

Voices of Culture Brainstorming Report “Culture and the United Nations Sustainable Development Goals: Challenges and Opportunities” (Voices of Culture - Rapport ta' Brainstorming “Il-Kultura u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti: Sfidi u Opportunitajiet”) (2021).

Voices of Culture Brainstorming Report “Status and Working Conditions for Artists, Cultural and Creative Professionals” ⁽³⁾ (Voices of Culture - Rapport ta' Brainstorming “L-Istatus u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol għall-Artisti u l-Professionisti Kulturali u Kreattivi”) (2021).

Parlament Ewropew

L-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni, fil-kultura u fis-settur awdjoviżiv (2020/2017 (INI)).

L-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali (2018/2028 (INI)).

Is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE (2020/2261(INI)).

L-irkupru kulturali tal-Ewropa (2020/2708(RSP)).

UNESCO

Il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali (2005) ⁽⁴⁾.

⁽²⁾ Taqsima 4. Għanijiet Strateġiċi u Azzjonijiet, 4.1 Dimensjoni soċjali - l-isfruttar tal-poter tal-kultura u d-diversità kulturali għall-koeżjoni soċjali u l-benesseri (it-tieni inċiż) “Tinkoraġġixxi l-mobilità tal-professionisti kulturali u kreattivi u tneħħi l-ostakli għall-mobilità tagħhom”.

⁽³⁾ Il-Kapitolu 4 “Mobility (Physical, Greener, Digital, Blended, Regulations, Obstacles)” (Mobbiltà (Fiżika, Aktar Ekoloġika, Diġitali, Imħallta, Regolamenti, Ostakli)).

⁽⁴⁾ Artikolu 14 “Il-Partijiet għandhom jaqsmu hilitom sabiex jappoġġaw il-kooperazzjoni [...] bl-għan li jiffavorixxu l-ħolqien ta' settur kulturali dinamiku [...] permezz ta'

(a) it-tisħiħ tal-industrija kulturali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta': [...]

(v) il-proviżjoni ta' appoġġ għax-xogħol kreattiv u l-faċilitazzjoni tal-mobilità, sa fejn hu possibbli, tal-artisti mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;” (traduzzjoni mhux uffiċjali)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-12 ta' April 2022

(2022/C 160/08)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,0861	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3724
JPY	Yen Ġappuniż	136,29	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,5112
DKK	Krona Daniża	7,4379	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5874
GBP	Lira Sterlina	0,83455	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4803
SEK	Krona Żvediża	10,3320	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 335,49
CHF	Frank Żvizzeru	1,0131	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,8490
ISK	Krona Iżlandiża	139,60	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	6,9199
NOK	Krona Norveġiża	9,5395	HRK	Kuna Kroata	7,5513
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 609,66
CZK	Krona Ċeka	24,450	MYR	Ringgit Malażjan	4,5972
HUF	Forint Ungeriż	377,78	PHP	Peso Filippin	56,574
PLN	Zloty Pollakk	4,6552	RUB	Rouble Russu	
RON	Leu Rumun	4,9417	THB	Baht Tajlandiż	36,531
TRY	Lira Turka	15,9548	BRL	Real Brażiljan	5,0944
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4599	MXN	Peso Messikan	21,5616
			INR	Rupi Indjan	82,7285

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Frar 2022

li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex idaħħal it-tabelli ta' allokkazzjoni nazzjonali tal-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

(2022/C 160/09)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokkazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/331 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokkazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE għar-raba' perjodu ta' skambju mill-2021 sal-2030
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 ⁽²⁾ li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokkazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività.
- (3) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2021 ⁽³⁾, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex idaħħal it-tabelli ta' allokkazzjoni nazzjonali tal-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2019/331, permezz ta' ittra bid-data tat-3 ta' Frar 2022, il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni bil-bidliet fit-tabella tal-allokkazzjoni nazzjonali tiegħu biex tiġi pprovduta allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet lill-entranti ġodda u biex tiġi aġġustata l-allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet fl-installazzjonijiet eżistenti.
- (5) Skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2019/331, permezz ta' ittra bid-data tat-3 ta' Frar 2022, il-Bulgarija nnotifikat lill-Kummissjoni bil-bidliet fit-tabella tal-allokkazzjoni nazzjonali tagħha biex tiġi pprovduta allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet lill-entranti ġodda u biex tiġi aġġustata l-allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet fl-installazzjonijiet eżistenti.
Raġuni: It-terroir fuq il-gżira ta' Evia huwa parzjalment insulari u parzjalment influwenzat mill-pajsaġġ muntanjuż tagħha. Id-dwieli tradizzjonalment jestendu mill-baħar sal-qiegħ tat-tliet muntanji l-kbar – il-Muntanja Dirfi, il-Muntanja Telethrio u l-Muntanji Ochi. Il-vinji qrib il-baħar jipproduċu nbid bl-istess karatteristiċi tal-kwalità bħal dawk li jinsabu f'altitudni ta' aktar minn 10 metri jew anke dawk interni, peress li ż-żiffa mill-baħar tgħaddi minnhom meta tonfoħ 'il għewwa u terġa' tgħaddi meta terġa' lura, wara li tiġi ddevjata mill-barriera naturali tal-muntanji. L-inbejjed prodotti minn għeneb imkabbar f'vinji li jinsabu fil-konfini amministrattivi tal-Unità Reġjonali ta' Evia għandhom ikunu intitolati li jużaw l-IĠP Evia.

It-taqsimha intitolata "Zona demarkata" giet emendata.

7. **Aġġornament tal-fajl tekniku tad-IĠP Evia**

Għall-aġġornament tal-fajls tekniċi, saru l-bidliet li ġejjin fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott u d-Dokument Uniku:

- titjib tad-deskrizzjoni fit-taqsimha intitolata "Rabta maż-żona ġeografika";
- iż-żieda u s-sostituzzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-rekwiżiti u l-kontrolli applikabbli għall-inbejjed tad-DOP u l-IĠP; u
- bidla fid-dettalji tal-korpi ta' kontroll kompetenti.

Saru emendi fit-taqsimiet intitolati “Rabta maż-żona ġeografika”, “Rekwiżiti applikabbli” u “Kontrolli – dettalji tal-korpi ta’ kontroll u l-organizzazzjonijiet”.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġstrazzjoni**

Εύβοια (Evia)

2. **Tip ta’ indikazzjoni ġeografika**

IĠP – Indikazzjoni Ġeografika Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

—

1. *Inbid abjad xott*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur aħdar ċar lewn il-lumi.

Riħa: il-firxa aromatika tinkludi aromi intensivi ta’ lanġas, tuffieħ aħdar, bettieħ, ananas, mango, berquq u ħawħ b’polpa bajda.

Togħma: freskezza ta’ lumi fil-ħalq, inkwadrata minn toġhma ta’ frott li tibqa’. Meta jkunu preżenti l-varjetajiet tal-ġheneb Sauvignon Blanc, Viognier jew Malagouzia, ikun hemm ukoll riħa qawwija, b’aromi ta’ tronġ, lajm, mango, passion fruit u lemongrass, u ħjiel ta’ veġetazzjoni u ħaxix li għadu kif inqata’. Togħma rikka u ta’ frott fil-ħalq, b’aċidità pronunzjata u finitura kumplessa.

— Qawwa alkoħolika totali minima: 11,5 % vol.

— Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.

— Kontenut ta’ zokkor totali (g/l): massimu ta’ 9,0

— Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

— Fejn il-kontenut taz-zokkor jaqbeż 1-4 g/l, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (fmilliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta’ diossidu tal-kubrit (fmilligrammi għal kull litru)	200

2. *Inid abjad nofsu misjur*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur dehbi ċar bi sfumaturi ħadranija.

Riħa: il-firxa aromatika tinkludi aromi qawwija ta' ward, liċċi, bżar, nagħniegħ, ġiġer, karamella u ħwawar.

Togħma: rikka u żejtnija fil-ħalq, b'intensità ta' aromi ta' fjuri u ħwawar. L-aċidità bbilanċjata toħloq kuntrast pjaċevoli mat-togħma żejtnija, u ddum tintiegħem.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 4,5 - massimu ta' 17,5
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Fejn il-kontenut taz-zokkor jaqbeż it-12-il g/l, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 250 milligramma għal kull litru għall-inbejjed bojod b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	250

3. *Inid abjad ħelu mezzan*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur isfar fl-aħdar, li jista' jiżviluppa f'kulur dehbi ta' intensità medja bit-tqaddim.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'riħa kumplessa b'noti ta' bettieħ, ananas, ħawħ, berquq u żahar tal-frott taċ-ċitru.

Togħma: togħma ta' frott fil-ħalq, bl-istess karattru aromatiku bħar-riħ. Palat medju.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 12,5 - massimu ta' 45
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 250 milligramma għal kull litru għall-inbejjed bojod b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	250

4. *Inbid abjad ħelu*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur dehbi għajjat.

Riħa: il-firxa aromatika tinkludi aromi kumplessi kkonċentrati ta' ward, għasel, żahar tal-larinġ u ħxejjex aromatiċi, bi ħjiel ta' butterscotch. L-aromi jżviluppaw bit-tqaddim, u jinkludu żbib, ħwawar ħelwin, ċikkulata, karamella u ġellewż.

Togħma: pjuttost ħelwa fil-ħalq, iżda appoġġata minn aċidità tajba; aromi intensivi ħafna ta' ward, għasel, ħawħ, karamella u butir.

Konsistenza bellusija u togħma li ddum tintiegħem strutturata tajjeb.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 45
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 250 milligramma għal kull litru għall-inbejjed bojod b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	250

5. *Inbid aħmar xott*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur intens lewn ir-rubin, li jista' jsir aħmar jew aħmar lewn il-brikks bit-tqaddim, u sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi bi fwieħa kumplessa u qawwija ta' għanbaqra, ċirasa, ċirasa qarsa, ċawsla, berquq, ħwawar u bżar, u aromi bbilanċjati tal-btieti.

Togħma: rikka u pikkanti fil-ħalq, b'tannini bellusin u aċidità tajba. Konsistenza bellusija u togħma li ddum tintiegħem.

- Qawwa alkoħolika totali minima: 12,0 % vol.
- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,5 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): massimu ta' 9,0
- Aċidità totali massima: 7,0 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Fejn il-kontenut taz-zokkor jaqbeż 1-4 g/l, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	12,0
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	20
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	150

6. *Inbid aħmar nofsu misjur*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur skur lewn ir-rubin, li jista' jsir aħmar jew aħmar lewn il-brikks bit-tqaddim, u sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi ta' ċawsla, għanbaqra, ċirsasa u frawli.

Togħma: palat medju, kemxejn ħelu, b'ammont żgħir ta' tannini. Iddum fil-ħalq għal ammont ta' ħin medju.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,5 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 4,5 - massimu ta' 17,5
- Aċidità totali massima: 7,0 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Fejn il-kontenut taz-zokkor jaqbeż it-12-il g/l, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 200 milligramma għal kull litru għall-inbejjed ħomor b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/334.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	12,0
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

Aċidità volatili massima (f'milliekivalenti għal kull litru)	20
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	200

7. Inbid aħmar ħelu mezzan

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur skur lewn ir-rubin, li jista' jsir aħmar jew aħmar lewn il-brikks bit-tqaddim, u sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi ta' ċawsla, għanbaqra, ċirsasa u frawli.

Togħma: palat medju, ħlewwa distintiva. Togħma ħelwa li ddum fil-ħalq għal ammont ta' ħin medju.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,5 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 12,5 - massimu ta' 45
- Aċidità totali massima: 7,0 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 200 milligramma għal kull litru għall-inbejjed ħomor b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	12
Aċidità totali minima	3,5
Aċidità volatili massima (f'milliekivalenti għal kull litru)	20
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	200

8. Inbid aħmar ħelu

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: kulur skur lewn ir-rubin, li jista' jsir aħmar jew aħmar lewn il-brikks bit-tqaddim, u sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi kumplessi ta' għanbaqra, ċawsla, ċirasa qarsa, ċikkulata skura u vanilla.

Togħma: ħelwa fil-ħalq, b'tannini rotob, aċidità tajba u aromi ta' għanbaqra, għamm tat-tut iżraq u taċ-ċirasa, u vanilla. Togħma ħelwa li ddum tintiegħem.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,5 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 45
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 200 milligramma għal kull litru għall-inbejjed ħomor b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	12,0
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	20
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	200

9. *Inbid rożè xott*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: firxa estensiva ta' kuluri li jvarjaw minn lewn is-salamun ta' intensità medja sa lewn il-ward qawwi, bi sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi ta' frawli, rummien u ċirasa tat-tip "bigarreau".

Togħma: friska u ta' frott fil-ħalq, b'aromi ta' frawli u rummine; aċidità notevoli b'karattru pikkanti ta' bżar aħmar. Togħma li ddom tintiegħem.

- Qawwa alkoħolika totali minima: 11,5 % vol.
- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): massimu ta' 9,0
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE.
- Fejn il-kontenut taz-zokkor jaqbeż 1-4 g/l, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	200

10. *Inbid rożè nofsu misjur*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: firxa estensiva ta' kuluri li jvarjaw minn lewn is-salamun ta' intensità medja sa lewn il-ward qawwi, bi sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi ta' frawli u ċirasa.

Togħma: friska u ta' frott fil-ħalq, b'aromi ta' frawli u ħlewwa ħafifa. Iddum fil-ħalq għal ammont ta' ħin medju.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 4,5 - massimu ta' 17,5
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Fejn il-kontenut taz-zokkor jaqbeż it-12-il g/l, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 250 milligramma għal kull litru għall-inbejjed rożè b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	250

11. *Inbid rożè ħelu mezzan*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: firxa estensiva ta' kuluri li jvarjaw minn lewn is-salamun ta' intensità medja sa lewn il-ward qawwi, bi sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi ta' frawli u ċirasa.

Togħma: friska u ta' frott fil-ħalq, b'aromi ta' frawli u ħlewwa tajba. Iddum fil-ħalq għal ammont ta' ħin medju.

- Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.
- Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 12,5 - massimu ta' 45
- Aċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
- Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 250 milligramma għal kull litru għall-inbejjed rożè b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

Āċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	250

12. *Inbid rożè ħelu*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Dehra: firxa estensiva ta' kuluri li jvarjaw minn lewn is-salamun ta' intensità medja sa lewn il-ward qawwi, bi sfumaturi vjola.

Riħa: il-firxa aromatika tikkonsisti f'aromi ta' frawli u ċirasa.

Togħma: togħma ta' frott u ħelwa fil-ħalq, b'aromi ta' frawli. Iddum fil-ħalq għal ammont ta' ħin medju.

— Qawwa alkoħolika naturali minima: 11,0 % vol.

— Kontenut ta' zokkor totali (g/l): minimu ta' 45

— Āċidità totali massima: 7,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Fir-rigward tal-qawwa alkoħolika massima, japplikaw il-valuri previsti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

— Il-kontenut massimu permess ta' diossidu tal-kubrit huwa ta' 250 milligramma għal kull litru għall-inbejjed rożè b'kontenut ta' zokkor, espress bħala t-total ta' glukożju u fruttożju, ta' mill-inqas 5 grammi għal kull litru (f'konformità mad-deroga prevista fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Āċidità totali minima	3,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Āċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	250

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1. Produzzjoni tal-inbid aħmar

Restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni tal-inbid

L-inbid aħmar tal-IĠP Evio huwa prodott permezz ta' metodi tradizzjonali tal-produzzjoni tal-inbid aħmar. Meta tiżdied il-varjetà Viognier fi proporzjon ta' sa 10 %, tiġi vinifikata flimkien mal-varjetajiet l-oħra permezz ta' metodi tradizzjonali tal-produzzjoni tal-inbid aħmar.

2. Produzzjoni tal-inbid rożè

Restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni tal-inbid

L-inbid rożè tal-IĠP Evia jiġi prodott bl-użu ta' teknoloġija tal-produzzjoni tal-inbid rożè tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku; it-temperatura waqt il-fermentazzjoni alkoħolika ma għandhiex taqbeż l-20 °C.

3. Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom

Prattika enoloġika speċifika

Fil-produzzjoni ta' nbejjed nofshom misjura, ħelwin mezzani u ħelwin, huwa permess it-taħlil tal-inbid f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli (il-Parti D tal-Anness I għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/934).

4. Sistemi ta' tħarriġ tad-dwieli

Metodu tal-kultivazzjoni

Id-dwieli huma mħarrġa fi stil "cordon" jew "gobelet", u l-metodu ta' rmondar użat jiddependi fuq il-varjetà.

5. Produzzjoni tal-inbid abjad

Restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni tal-inbid

L-inbid abjad tal-IĠP Evia jiġi prodott bl-użu ta' teknoloġija tal-produzzjoni tal-inbid abjad tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku; it-temperatura waqt il-fermentazzjoni alkoħolika ma għandhiex taqbeż 1-20 °C.

5.2. Rendimenti massimi għal kull ettaru

1. Rendiment massimu f'ettoltri tal-prodott finali għal kull ettaru

96 ettoltru għal kull ettaru

2. Rendiment massimu f'kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

12 000 kilogramma għeneb għal kull ettaru

6. Definizzjoni taż-żona demarkata

Iż-żona demarkata għall-produzzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Evia hija ż-żona li tinsab ġewwa l-konfini amministrattivi tal-Unità Reġjonali (eks Prefettura) ta' Evia.

7. Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed

Cabernet Sauvignon N

Grenache Blanc B

Grenache Rouge N

Merlot N

Sauvignon Blanc B

Syrah N

Viognier B

Agiorgitiko N

Aidani Aspro B

Vradyano N

Karampraimis N

Liatiko N

Malagouzia B

Mandilaria Aspri B

Monemvassia B – Monovassia, Monomvassitiko

Moschato Aspro B

Moschofilero N – Mavrofilero

Ritino N

Roditis Rs – Alepou

Savatiano B – Doumprena Aspri, Kountoura Aspri, Perachoritiko, Sakeiko

8. Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet

8.1. Rabtiet storiċi, kulturali, soċjali u ekonomiċi

A. Rabta storika

Kif muri fl-Iljjade, diġà kienet żviluppat il-vitikultura fir-reġjun fi żmien Omeru. L-isem il-qadim ta' Evia (Euboea) kien Abantis, li kien jiġi mill-isem tal-abitanti taż-żona. L-Abantes kienu l-ewwel tribù tal-Greċja preistorika li stabbilixxa ruħu f'Evia, partikolarment madwar Halkida (Chalcis) u Eretria, bejn l-2100 u l-1900 QK. Skont il-mitoloġija, ħadu isimhom min-nimfa Aba. Kienu poplu gwerrier u marzjali li, fost affarijiet oħra, kienu ħadu sehem fil-Gwerra ta' Troj taħt ir-Re Elefenor. Il-poeta kbir Omeru f'diversi okkażjonijiet jagħmel referenza kemm għal Evia kollha kemm hi kif ukoll għal ċerti żoni bħalma hi Istaia bħala żoni "li jipproduċu l-għeneb".

L-estratt li ġej minn Theognis ta' Megara (784, 892) jirreferi għat-tradizzjoni antika tal-vitikultura f'Evia:

"ηλθον δ"syΕυβοιης απελοειν πεδιον... και Ληλαντου δ'αγαθον κειρεται οινοπεδου"

Traduzzjoni: "Wasalt Evia, żona mimlija dwieli, fil-post bellezza ta' Lilantio jiġu prodotti ammonti kbar ta' nbid."

Il-vinji fil-provinċja ta' Karystia wkoll għandhom tradizzjoni li ntilfet bl-imgħoddi taż-żmien. B'mod partikolari fit-tieni nofs tas-seklu 20, kellhom rwol ewlieni fl-ekonomija tar-reġjun. Il-merkanti minn Karystia kienu jbigħu l-most tal-għeneb tar-reġjun fis-swieq ta' Volos u Tessaloniki. Kienu jitgħabbew eluf ta' btieti tal-injam mimlijin most fuq caiques kbar fil-port ta' Karystos.

Fis-6 seklu WK, il-ġeografu Stefanus ta' Biżanzju ddeskriva lil Kymi f'Evia bħala belt, filwaqt li matul il-perjodu tal-ħakma tal-Punent (1204-1470), kienet magħrufa wkoll bħala port (Porto Chimi).

Lejn l-aħħar tal-ħakma Ottomana, Kymi żviluppa ekonomikament prinċipalment bis-saħħa tal-produzzjoni u l-kummerċ fl-inbid. Il-belt sofriet qerda kbira matul il-Gwerra tal-Indipendenza tal-1821, li fiha kellha sehem attiv. Wara l-indipendenza, saret il-belt kapitali tal-provinċja ta' Karystia. Mis-snin 30 tas-seklu 18 sal-aħħar tas-seklu 19, l-ekonomija ta' Kymi kienet fl-aqwa tagħha, bis-saħħa tal-kummerċ ta' prodotti agrikoli prodotti lokalment (inbid, żejt, ħarir), kif ukoll tal-faħam. L-espportazzjonijiet tal-inbid lejn Franza, b'mod partikolari, għamlu lil Kymi għonja ħafna.

B. Rabtiet kulturali, soċjali u ekonomiċi

Id-dwieli u l-inbid ilhom marbuta b'mod inseparabbli mal-ħajja kulturali, soċjali u ekonomika tan-nies tal-lokal minn żmien il-qedem. Din ir-rabta għadha teżisti sal-lum, kif muri mill-avvenimenti u l-konferenzi organizzati biex jippromwovu l-inbid, kif ukoll mit-tradizzjonijiet kulturali lokali.

Speċifikament, Evia issa għandha tliet "rotot tal-inbid" differenti, li jkopru l-gżira kollha u jinkludu s-17-il kantina tal-inbid organizzati tagħha.

Barra minn hekk, il-kantini tal-inbid tal-gżira jieħdu sehem fl-avvenimenti Ewropej kollha ta' promozzjoni tal-inbid, bħall-avvenimenti "Open Doors" u l-Jum Ewropew tat-Turiżmu tal-Inbid.

L-inbid għandu wkoll rwol importanti fl-ekonomija tal-gżira, kemm bħala prodott dominanti fis-settur agrikolu u f'dak artiġjanali, kif ukoll fit-turiżmu fil-forma tat-turiżmu tal-inbid.

8.2. L-ambjent ġeografiku u l-oriġini ġeografika

L-inbejjed tal-IĠP Evia huma prodotti fil-konfini amministrattivi tal-Unità Reġjonali ta' Evia (ara l-mappa).

Evia hija t-tieni l-akbar gżira tal-Greċja u s-sitt l-akbar gżira fil-Mediterran. Tinsab tul il-kosta tal-Grigal taċ-Ċentru tal-Greċja (*Stereia Ellada*), mill-Golf Maljan sax-xtajta ta' Attika, separata mill-kontinent mill-Golf ta' Evia. Il-kosti tat-Tramuntana u tal-Grigal tal-gżira jmissu mal-Baħar Eġew.

Evia hija maqsuma f'reġjuni żgħar iżolati b'mod naturali li huma separati minn xulxin mill-muntanji kbar u weqfin li jokkupaw il-biċċa l-kbira tal-gżira: Il-Muntanja Telethrio fit-Tramuntana, il-Muntanja Dirfi fil-parti ċentrali tal-gżira u l-Muntanja Ochi fin-Nofsinhar. Bejniethom hemm pjanuri fertili, bħal Psachna u Lilantio, widien żgħar u strixxi kostali b'għerien u daħliet (il-bajja ta' Karystos, Styra, eċċ.).

23°48'56.14" E. long.

38°33'42.68" N. lat.

Erja: 3 661,64 km²

Orografija

Iż-żona hija kbira, b'ħamrija u terren diversi. Il-vinji kkultivati jibdeu f'altitudni ta' 10 m u l-ogħla huma jinsabu f'600 m fuq il-Muntanja Dirfi (1 745 m). Tradizzjonalment, id-dwieli ġeneralment kienu jitħawlu fl-aktar pjanuri fertili, iżda llum jtkabbru fuq inklinazzjonijiet weqfin għal skular tajjeb u esponiment aħjar għax-xemx. Il-biċċa l-kbira tal-vinji jinsabu fuq inklinazzjonijiet.

Ħamrija

Ġeoloġikament, Evia hija kontinwazzjoni ta' Attika. L-art tikkonsisti l-aktar minn skisti, u hemm ħafna formazzjonijiet ġeoloġiċi. Jidher li kien hemm ukoll attività vulkanika intensiva matul il-perjodu kwaternarju tal-era Ċenożojka, meta l-gżira inqatgħet minn mal-kontinent.

Il-ħamrija tvarja bejn trab ramli, trab ramli ġulgħieni, trab ġulgħieni, trab tafli ramli u tafal. Il-ħamrija tal-vinji għandha sawra medja (SL, SLC), b'pH newtrali u ammont żgħir ta' karbonat tal-kalċju.

Klima

Abbażi tad-*data* meteoroloġika, ir-reġjun għandu klima Mediterranja. It-temperatura medja annwali ġenerali hija ta' 18,4 °C, b'24,9 °C fix-xhur tas-sajf u 10,5 °C fix-xitwa. It-temperatura massima medja tintlaħaq f'Lulju u dik minima f'Jannar.

Ix-xita medja hija ta' madwar 600 mm, u d-distribuzzjoni tagħha hija tipika tal-klimi Mediterranji, jiġifieri ammont akbar ta' xita minn Ottubru sa April. Il-livell teoretiku ta' evapotraspirazzjoni huwa l-istess bħal-livell ta' xita fix-xhur tax-xitwa, iżda huwa ogħla matul iċ-ċiklu veġetattiv. Ir-riħ qawwi mill-Grigal jipprevali fir-reġjun, speċjalment fix-xitwa, filwaqt li fir-rebbiegħa u fis-sajf l-ammont ta' riħ huwa minn ħafif sa medju.

8.3. Dettalji tal-prodotti

Il-klima, it-tipi ta' ħamrija, il-varjetajiet ta' għeneb imkabbra u l-metodi tal-biedja u tal-produzzjoni tal-inbid użati lkoll jikkontribwixxu għall-karatteristiċi ta' kwalità tal-inbejjed tal-IĠP Evia.

L-inbejjed bojod huma ta' lewn aħdar ċar, kultant bi sfumatura kemxejn safranija. Il-profil aromatiku jkopri aromi ta' frott taċ-ċitru, fjuri u frott misjur. Dan huwa dovut għall-karatteristiċi speċifiċi tal-varjetajiet użati u ż-żona fejn jtkabbru, peress li l-profil ivarja skont il-post u t-tip ta' ħamrija. Għandhom ukoll profondità tajba fil-palat u finitura li ġejja kemm mill-varjetajiet użati kif ukoll mis-sajran tajjeb miksub fiż-żona.

L-inbejjed rożè jispikkaw għall-firxa estensiva ta' kuluri u l-isfumaturi qawwija jew intensivi tagħhom, derivati mill-varjetajiet użati u ż-żona fejn jtkabbru. Għandhom ukoll fwieħa qawwija, iddominata mill-fjuri u l-frott aħmar. Il-bilanċ tat-tipi kollha tal-inbid rożè (xott, nofsu misjur, ħelu mezzan u ħelu) huwa eċċellenti, prinċipalment minħabba l-aċidità tajba tagħhom.

L-inbejjed ħomor għandhom kulur aħmar qawwi u skur bi sfumaturi lela skur qabel jitqaddmu u ħomor lewn il-brikks wara li jitqaddmu għal numru ta' snin, kif ukoll palat aromatiku estensiv b'noti ta' ribes iswed, ċirasa, frott iswed u ħjiel ta' bżar. Għandhom togħma mimlija b'ammont żgħir ta' tannini u togħma ta' frott qawwija persistenti u li tibqa'.

L-inbejjed tal-IĠP Evia rebħu premijiet f'kompetizzjonijiet internazzjonali (Le Challenge International du Vin, France; Decanter, London UK; AWC, Vienna; IWSC, London UK; TEXSOM International Wine Awards, USA; Sommeliers Choice Awards, UK; SMV international wine championship, Canada).

8.4. Interazzjoni kawżali

Il-karattru uniku tal-inbejjed tal-IĠP Evia jiġi mill-karatteristiċi speċifiċi taż-żona (il-ħamrija, il-klima, l-effett tar-riħ fis-sajf), flimkien mal-varjetajiet imkabbra u l-metodi ta' kultivazzjoni użati.

Iż-żona ġeografika demarkata għall-produzzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Evia fiha varjetà wiesgħa ta' kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi li huma partikolarment tajbin għas-sajran ta' ħafna varjetajiet ta' għeneb. Minħabba l-klima, il-varjetajiet li minnhom jinkiseb l-inbid abjad jippredominaw fil-pjanuri, filwaqt li l-varjetajiet tal-għeneb li minnhom jinkiseb inbid aħmar jippredominaw fuq l-inklinazzjonijiet tat-tliet muntanji (il-Muntanja Telethrio fit-Tramuntana, il-Muntanja Dirfi fil-parti ċentrali tal-gżira u l-Muntanja Ochi fin-Nofsinhar).

Il-kundizzjonijiet tar-riħ huma karatteristika speċifika taż-żona, li tmiss mal-Golf ta' Evia fil-Punent u mal-Baħar Eġew fil-Lvant. L-arja umda mill-baħar toqot il-muntanji u titla' f'daqqa, u tirriżulta f'bidla fit-temperatura u twassal biex id-direzzjoni tagħha tinqaleb. Minħabba dan, hemm irjieħ favorevoli u differenza tajba fit-temperatura bejn binhar u billejl (sa 10 gradi) fil-gżira kollha, u speċjalment matul ix-xhur meta jibdeu isiru l-għeneb.

Il-karatteristiċi ta' kwalità għolja tal-inbejded prodotti fil-gżira ta' Evia huma dovuti għat-tipi ta' ħamrija partikolarment varjati tar-reġjun, li jvarjaw bejn trab ramli, trab ramli ġulġlieni, trab ġulġlieni, trab tafli ramli u tafal.

Bl-istess mod, minħabba l-kundizzjonijiet makroklimatiċi fiż-żona tal-orijini u l-interazzjonijiet mat-topografija u l-ħamrija, il-varjetajiet tal-għeneb li minnhom jinkisbu nbejjed bojod u rożè taż-żona jipproduċu nbejjed b'attributi li huma tipiċi tal-post fejn jtkabbru. Il-varjetajiet tal-għeneb Sauvignon Blanc, Moschato u Malagouzia jsiru bejn l-10 u l-20 ta' Awwissu, il-varjetajiet Assyrτικο u Viognier fl-aħħar 10 jjiem ta' Awwissu, u l-varjetajiet Roditis u Savatiano fit-tieni nofs ta' Settembru. L-inbejded magħmulin mill-varjetà Sauvignon Blanc għandhom aromi ta' frott, partikolarment ħawħ, u sa ċertu grad inqas, karattru aħdar. Madankollu, iwarjaw ħafna minn vinja għal vinja, u jagħtu lil min jagħmel l-inbid għażla saħansitra akbar. Pereżempju, ħamrija itqal issaħħaħ il-karattru aħdar, filwaqt li ħamrija eħfef issaħħaħ l-aromi tal-frott misjur. Il-varjetà Malagouzia normalment tipproduċi nbejjed bi fwieħa qawwiya ta' fjuri, u ttejjeb ħafna l-firxa aromatika meta tingħaqad ma' varjetajiet oħra. Barra minn hekk, f'postijiet fejn l-għeneb isir aktar tard, il-varjetajiet Malagouzia, Aidani Aspro u Athiri jistgħu jipproduċu nbejjed bi fwieħa ta' frott taċ-ċitru, flimkien ma' togħma rikka persistenti. L-inbejded magħmula mill-varjetà Assyrτικο għandhom palat sħiħ u struttura, aċidità għolja u aroma distintiva li tvarja bejn dik ta' fjuri u ta' frott taċ-ċitru. Meta l-varjetà Moschato abjad titkabbar f'trab ramli ġulġlieni, trab ġulġlieni jew trab tafli ramli, tipproduċi aromi kumplessi ta' frott u għeneb frisk, lumi, larinġ u zahar ta' frott ieħor taċ-ċitru, petali tal-ward u għasel. Il-palat huwa mimli u tal-frott, b'aċidità tal-lumi u finitura twila.

Il-varjetà Viognier tipproduċi intensità aromatika għolja ta' frott taċ-ċitru, frott bl-għadma u frott tropikali, inkwadri biż-żahar tal-lumi u tal-larinġ. Il-palat huwa rik, mimli u tal-frott, b'aċidità bbilanċjata u finitura persistenti, kumplessa, u b'palat sħiħ.

Il-mikroklima speċifika ta' Evia u l-influwenza tagħha fuq l-inbejded prodotti huma wkoll evidenti ħafna fl-inbejded ħomor. Eżempju tipiku huwa l-prestazzjoni tal-varjetà tal-għeneb Syrah, li għandha skopijiet multipli peress li din l-għenba tista' tintuża biex tipproduċi nbejjed ħomor u rożè ta' kwalità għolja. Il-varjetà Syrah għalhekk tintuża fir-reġjun usa' ta' Evia biex tipproduċi nbejjed b'karattru aromatiku qawwi u konċentrazzjoni ta' aromi li tvarja skont il-post tal-vinja. Il-vinji bi trab ġulġlieni ramli jipproduċu inbejded b'aroma delikata, filwaqt li l-inbejded prodotti f'ħamrija bi proporzjon għoli ta' tafal u inqas karbonat tal-kalċju għandhom karattru fenoliku qawwi. Meta l-varjetà li minnha jinkiseb l-inbid abjad Viognier titkabbar u tiġi vinifikata flimkien mal-varjetajiet taż-żona li minnhom jinkiseb inbid aħmar, u speċifikament mal-varjetà Syrah, il-varjetà Viognier issir aktar malajr mis-Syrah. Minħabba dan, l-għeneb Viognier ikun sar iżżejjed fil-jum tal-ħsad. Din it-taħlita/koordinazzjoni tagħti lill-inbejded ħomor karatteristiċi ta' frott iswed misjur iżżejjed b'aċidità pronunzjata. Iżda prinċipalment, l-inbejded għandhom palat sħiħ u żejtni, struttura robusta u tannini bellusin rotob meta jiġu vvinifikati flimkien mal-varjetà Viognier.

Bl-istess mod, minħabba l-kundizzjonijiet makroklimatiċi fiż-żona tal-orijini u l-interazzjonijiet mat-topografija u l-ħamrija, il-varjetajiet tal-għeneb fiż-żona li minnhom jinkisbu nbejjed ħomor jipproduċu nbejjed b'attributi li huma tipiċi tal-post fejn jtkabbru. Bil-varjetajiet Mandilaria (Kountoura Mavri), Vradyano, Karampraimis, Ritino, Cabernet Sauvignon, Grenache rouge u Merlot, il-karatteristiċi klimatiċi u morfoloġiċi speċifiċi ta' Evia huma sfruttati biex jinkiseb l-akbar benefiċċju u jiġu prodotti nbejjed kumplessi b'potenzjal fenoliku tajjeb, tannini rotob ibbilanċjati u togħma rikka.

L-inbejded rożè ta' Evia, prodotti l-aktar mill-varjetajiet Mandilaria (Kountoura Mavri), Vradyano, Karampraimis, Ritino, Cabernet Sauvignon, Grenache rouge, Merlot u Syrah, imħawlin f'vinji qrib il-baħar, jispikkaw minħabba l-kulur rożè skur tagħhom b'kumplessità aromatika qawwiya ta' frott aħmar u togħma rikka, peress li jsiru tajjeb ħafna. B'kuntrast, meta dawn il-varjetajiet jitħawlu fuq l-inklinazzjonijiet dgħajfa interni, isiru tard u jipproduċu nbejjed ta' kulur roża ċar bi freskezza aromatika u aċidità karatteristika.

9. Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)

Derogi

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga għall-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni.

Derogi

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga għall-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

L-Artikolu 4(c) tad-Deċiżjoni Ministerjali Konġunta Nru 392169/20.10.1999 li tistabbilixxi regoli ġenerali dwar l-użu tat-terminu "Inbid Lokali" fid-deskrizzjoni tal-inbid tal-mejda (il-Gazzetta tal-Gvern, Serje II, Nru 1985/8.11.99), kif emendat bid-Deċiżjoni Ministerjali Konġunta Nru 321813/29.8.2007 (Gazzetta tal-Gvern, Serje II, Nru 1723/29.8.2007), jgħid:

"L-inbejjed tal-mejda li għalihom jista' jintuża t-terminu 'Inbid Lokali' ma' indikazzjoni ġeografika ta' provinċja, prefettura jew reġjun tal-vitikultura li huwa iżgħar minn prefettura għandhom jiġu prodotti f'kantini tal-inbid li joperaw f'dik il-prefettura jew fi prefetturi ġirien". Speċifikament, l-inbejjed tal-IĠP Evia jistgħu jiġu prodotti f'kantini tal-inbid li jinsabu fl-Unità Reġjonali (eks prefettura) ta' Evia jew fl-Unità Reġjonali (eks prefettura) ta' Viotia li tmiss magħha.

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar tal-inbid

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet supplimentari dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

A. Termini relatati ma' ċerti metodi ta' produzzjoni

L-Artikolu 53(1), (2) u (6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni.

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar tal-inbid

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet supplimentari dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

A. Termini relatati ma' ċerti metodi ta' produzzjoni

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 280557/9.6.2005 li tistabbilixxi ż-żmien għall-maturazzjoni, it-tqaddim u t-tqegħid fis-suq ta' nbejjed b'Denominazzjoni ta' Oriġini ta' Kwalità Superjuri u Nbejjed Lokali, u t-termini użati fuq it-tikkettar ta' nbejjed b'hal dawn relatati mal-metodu tal-produzzjoni jew il-metodi tal-preparazzjoni tagħhom (il-Gazzetta tal-Gvern, Serje II, Nru 818/15.6.2005) jistabbilixxu r-regoli dwar l-użu tat-termini li ġejjin:

- "NEOS OINOS" jew "NEAPOS OINOS" (INBID ĠDID)
- "ΩΡΙΜΑΝΣΗ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ" jew "ΩΡΙΜΑΣΕ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ" (IMMATURAT FIL-BITTIJA)
- "ΠΑΛΑΙΩΜΕΝΟΣ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ" jew "ΠΑΛΑΙΩΣΗ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ" (IMQADDEM FIL-BITTIJA)

- “ΟΙΝΟΠΟΙΗΘΗΚΕ ΚΑΙ ΩΡΙΜΑΣΕ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ” jew “ΟΙΝΟΠΟΙΗΣΗ ΚΑΙ ΩΡΙΜΑΝΣΗ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ” (VINIFIKAT U MMATURAT FIL-BITTIJA)
- “ΟΙΝΟΠΟΙΗΣΗ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ” jew “ΟΙΝΟΠΟΙΗΘΗΚΕ ΣΕ ΒΑΡΕΛΙ” (VINIFIKAT FIL-BITTIJA)

B. Stampar tas-sena inizjali fuq it-tikkettar

Meta jintużaw it-termini “NEOS OINOS” jew “NEAPOS OINOS” (“INBID ĠDID”) fuq it-tikkettar tal-inbejjed, huwa obbligatorju li tiġi stampata s-sena inizjali, f’konformità mal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 280557/9.6.2005 li tistabbilixxi ż-żmien għall-maturazzjoni, it-tqaddim u t-tqegħid fis-suq ta’ nbejjed b’Denominazzjoni ta’ Oriġini ta’ Kwalità Superjuri u Nbejjed Lokali, u t-termini użati fuq it-tikkettar ta’ nbejjed b’hal dawn relatati mal-metodu tal-produzzjoni jew il-metodi tal-preparazzjoni tagħhom (il-Gazzetta tal-Gvern, Serje II, Nru 818/15.6.2005).

C. Termini tradizzjonali

- Termini tradizzjonali f’konformità mad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 235309/7.2.2002 dwar l-approvazzjoni ta’ termini tradizzjonali użati għall-inbejjed (il-Gazzetta tal-Gvern, Serje II, Nru 179/19.2.2002) li huma marbuta mad-denominazzjoni ta’ oriġini jew mal-indikazzjoni ġeografika.

F’konformità ma’ din id-Deċiżjoni Ministerjali, it-termini tradizzjonali li jistgħu jintużaw fuq it-tikkettar tal-inbejjed bl-Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) Evia huma:

ΛΕΥΚΟΣ ΑΠΟ ΛΕΥΚΑ ΣΤΑΦΥΛΙΑ / Blanc de blancs (Abjad minn għeneb abjad), ΛΕΥΚΟΣ ΑΠΟ ΕΡΥΘΡΑ ΣΤΑΦΥΛΙΑ / Blanc de noir (Abjad minn għeneb aħmar), ΛΕΥΚΟΣ ΑΠΟ ΕΡΥΘΡΩΠΑ ΣΤΑΦΥΛΙΑ jew ΛΕΥΚΟΣ ΑΠΟ ΓΚΡΙΖΑ ΣΤΑΦΥΛΙΑ / Blanc de gris (Abjad minn għeneb rożè jew Abjad minn għeneb griż), ΚΟΚΚΙΝΕΛΙ / kokinelī (Kokineli), ΟΙΝΟΣ ΛΟΦΩΝ / Vin de collines (Inbid mill-għnub tal-għoljiet), ΟΙΝΟΣ ΠΛΑΤΙΩΝ / Vin de coteaux (Inbid mill-għoljiet).

D. Restrizzjonijiet dwar l-ismijiet tal-varjetajiet

Deċiżjoni Nru 311498/10.7.2009 (Gazzetta tal-Gvern, Serje II, Nru 1493/23.7.2009) tipprojbixxi l-istampar tal-isem tal-varjetà “Monemvassia” fuq it-tikketti u l-imballaġġ tal-inbejjed bojod.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

http://www.minagric.gr/images/stories/docs/agrotis/POP-PGE/2021/prodiagrafes_via170122.pdf

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)